KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WAHL
ippreżentati fil-25 ta' Lulju 2018 [1]

Kawża C-150/17 P

L-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
vs

Kendrion NV

"Appell – Ammissibbiltà – Responsabbiltà mhux kuntrattwali – Terminu raġonevoli tal-proċedura – Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea – Obbligu ta' deċiżjoni f'terminu raġonevoli – Dannu materjali – Spejjeż ta' garanzija bankarja – Interessi – Rabta kawżali – Dannu morali – Entitajiet legali"

1. X'inhuma t-tipi ta' danni li l-Unjoni Ewropea għandha, skont l-Artikolu 340 TFUE, tpaċi għalihom fil-konfront ta' individwi li d-dritt tagħhom għal għoti ta' sentenza fil-kawża tagħhom f'terminu raġonevoli nkiser mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea? B'mod iktar partikolari, taħt liema ċirkustanzi għandu jingħata kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat mid-dewmien eċċessiv?

2. Essenzjalment, dawn huma l-kwistjonijiet ewlenin imqajma mill-appelli ppreżentati mill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [2], u minn Kendrion NV mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Frar 2017, Kendrion vs Unjoni Ewropea, T-479/14 (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata") [3], fejn din tal-aħħar allokat lil Kendrion ċerti somom bħala kumpens għad-dannu materjali u morali subit minn din il-kumpannija minħabba n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' deċiżjoni f'terminu raġonevoli fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Kendrion vs Il-Kummissjoni, T-54/06 [4].

3. Fil-parti l-kbira, kwistjonijiet simili ġew imqajma wkoll minn erba' appelli oħra – tnejn ippreżentati mill-Unjoni, u tnejn minn kumpanniji oħra – miż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ġenerali li fihom din il-qorti tat kumpens għad-dannu materjali u morali subit minn dawn il-kumpanniji minħabba l-ksur tal-obbligu għall-għoti ta' sentenza f'terminu raġonevoli. Illum qiegħed nagħti l-konklużjonijiet tiegħi f'dawn il-proċeduri wkoll [5]. Dawn il-konklużjonijiet għandhom għalhekk jinqraw flimkien ma' dawk il-konklużjonijiet.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Iktar 'il quddiem l-"Unjoni" għall-finijiet ta' sempliċità.

3 EU:T:2017:48.

4 Mhux ippubblikata, EU:T:2011:667.

5 Kawżi magħquda, L-Unjoni Ewropea vs Gascogne Sack Deutschland u Gascogne, u Gascogne Sack Deutschland u Gascogne vs L-Unjoni Ewropea, C-138/17 P u C-146/17 P, u Kawżi magħquda, L-Unjoni Ewropea vs ASPLA u Armando Álvarez, u ASPLA u Armando Álvarez vs L-Unjoni Ewropea, C-174/17 P u C-222/17 P.

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

4. Permezz ta' att ippreżentat fit-22 ta' Frar 2006, Kendrion ippreżentat rikors skont l-Artikolu 263 TFUE (kif inhu attwalment) kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4634 tat-30 ta' Novembru 2005 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [101 TFUE] (Każ COMP/F/38.354 – Boroż industrijali) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni C(2005) 4634")[6].

5. Bis-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, il-Qorti Ġenerali ċaħdet dan ir-rikors[7]. Kendrion ippreżentat appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali. Bis-sentenza tas-26 ta' Novembru 2013[8], il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell. Madankollu, fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li "t-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, li damet għal kważi 5 snin u 9 xhur, [ma setax] jiġi ġġustifikat minn ebda waħda miċ-ċirkustanzi partikolari għall-kawża li tat lok għal din it-tilwima"[9].

II. Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

6. Permezz ta' att ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2014, Kendrion ippreżentat rikors skont l-Artikolu 268 TFUE kontra l-Unjoni biex tikseb kumpens għad-dannu allegatament imġarrab minħabba t-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011 fil-Kawża T-54/06. Essenzjalment, Kendrion talbet lill-Qorti Ġenerali tordna lill-Unjoni tħallas, bħala danni materjali, l-ammont ta' EUR 2 308 463.98, u bħala danni morali, l-ammont ta' EUR 11 050 000 (jew sussidjarjament, l-ammont ta' EUR 1 700 000). Hija talbet ukoll li kull ammont jiżdied, mis-26 ta' Novembru 2013, b'rata raġonevoli ta' interessi moratorji stabbilita mill-Qorti Ġenerali.

7. Bis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ordnat: (i) lill-Unjoni tħallas kumpens ta' EUR 588 769.18 lil Kendrion bħala dannu materjali subit minn din il-kumpannija minħabba l-ksur tal-obbligu ta' terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Kendrion vs Il-Kummissjoni fil-Kawża T-54/06; (ii) lill-Unjoni li tħallas kumpens ta' EUR 6 000 lil Kendrion għad-dannu morali subit minn dik il-kumpannija minħabba l-ksur tal-obbligu ta' terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza fil-Kawża T-54/06; u (iii) li kull kumpens jiżdied b'interessi moratorji, li jiddekorru mill-għoti ta' dik is-sentenza sakemm isir il-ħlas sħiħ, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew għat-tranżazzjonijiet prinċipali tiegħu ta' finanzjament mill-ġdid, b'żieda ta' 3 punti u nofs ta' perċentwali. Il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-kumplament tar-rikors.

8. Fir-rigward tal-ispejjeż, il-Qorti Ġenerali ordnat: (i) lill-Unjoni biex tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti minn Kendrion li jirrigwardaw l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà li tat lok għad-digriet tas-6 ta' Jannar 2015, Kendrion vs L-Unjoni Ewropea (T-479/14); (ii) lil Kendrion, minn naħa, u l-Unjoni min-naħa l-oħra, biex ibatu l-ispejjeż tagħhom stess relatati mar-rikors li ta lok għal dik is-sentenza; u (iii) lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż tagħha stess.

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet

9. B'appell ippreżentat fl-24 ta' Marzu 2017, l-Unjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

6 Il-kawżi msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5 jikkonċernaw ukoll rikorsi ppreżentati minn impriżi oħrajn li kienu d-destinatarji tad-Deċiżjoni C(2005) 4634.

7 Sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Kendrion vs Il-Kummissjoni, T-54/06, EU:T:2011:667, mhux ippubblikata.

8 Sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771.

9 *Ibid.*, punt 102.

– tiċħad it-talba għal kumpens ta' Kendrion ifformulata fl-ewwel istanza, għad-dannu materjali allegatament subit jew, b'mod għalkollox sussidjarju, tnaqqas il-kumpens mitlub għal EUR 175 709.87;

– tikkundanna lil Kendrion għall-ispejjeż.

10. Fir-rigward tal-appell prinċipali, Kendrion, min-naħa tagħha, titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiddikjara l-appell bħala inammissibbli;

– sussidjarjament, tiċħad l-appell bħala infondat;

– tikkundanna lill-Unjoni għall-ispejjeż;

11. Fil-31 ta' Mejju 2017, Kendrion ippreżentat appell inċidentali skont l-Artikolu 176 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja billi talbet li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tannulla l-punti 1 sa 6 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata;

– tikkundanna lill-Unjoni tħallas kumpens ta' EUR 2 308 463.98 jew, sussidjarjament, ammont li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa xieraq għad-dannu materjali, u kumpens ta' EUR 1 700 000 jew, sussidjarjament, ammont li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huwa xieraq, għad-dannu morali;

– tordna li dawn l-ammonti jiżdiedu b'rata ta' interessi li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija xierqa;

– sussidjarjament, tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;

– tikkundanna lill-Unjoni għall-ispejjeż;

12. Fil-proċedura, il-Kummissjoni ġiet ammessa biex tintervjeni insostenn tat-talbiet tal-Unjoni Ewropea.

IV. Evalwazzjoni tal-aggravji

13. Fl-appell tagħha, l-Unjoni tinvoka tliet aggravji. Permezz tal-ewwel u tat-tieni aggravju, l-Unjoni tafferma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi peress li interpretat b'mod żbaljat il-kunċetti rispettivi ta' "rabta kawżali" u "dannu". Permezz tat-tielet aggravju tagħha, l-Unjoni Ewropea tafferma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u ma pprovdietx motivazzjoni suffiċjenti fid-determinazzjoni tal-perijodu li matulu ġie subit id-dannu materjali.

14. Kendrion tafferma li l-appell għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

15. Fl-appell inċidentali tagħha, Kendrion tinvoka erba' aggravji. Fl-ewwel aggravju tagħha, Kendrion tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u naqset milli tipprovdi motivazzjoni suffiċjenti meta kkonstatat li perijodu ta' 26 xahar bejn it-tmiem tal-parti bil-miktub tal-proċedura u l-ftuħ tal-parti orali tal-proċedura kien tul ta' żmien xieraq biex tiġi ttrattata l-kawża. Fit-tieni aggravju tagħha, Kendrion tikkritika lill-Qorti Ġenerali peress li ċaħdet it-talba tagħha biex tiġi kkumpensata għall-interessi mħallsa lill-Kummissjoni fil-perijodu li fih it-terminu raġonevoli biex tingħata deċiżjoni nqabeż (iktar 'il quddiem il-"perijodu tal-iskadenza"). Fit-tielet aggravju tagħha, Kendrion tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi jew, fi kwalunkwe każ, naqset milli tipprovdi motivazzjoni

suffiċjenti fl-evalwazzjoni tal-perijodu li fih Kendrion ingħatat kumpens għall-ispejjeż tal-garanzija bankarja. Fir-raba' aggravju tagħha, Kendrion tallega li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u naqset milli tipprovdi motivazzjoni xierqa meta, għad-dannu morali mġarrab, tat biss lil Kendrion kumpens simboliku ta' EUR 6 000.

16. L-Unjoni, sostnuta mill-Kummissjoni, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell inċidentali.

17. F'dawn il-konklużjonijiet, ser neżamina, l-ewwel nett, it-talba ta' Kendrion li l-appell huwa inammissibbli. Sussegwentement ser indur għall-aggravji li jikkonċernaw, l-ewwel nett, id-dannu materjali u, sussegwentement, id-dannu morali. Fl-aħħar nett, ser nittratta l-argumenti ta' Kendrion li jikkonċernaw it-tul raġonevoli tal-proċedura.

A. Ammissibbiltà

18. Qabel ma nittratta l-mertu tal-kawża, huwa neċessarju li jiġu indirizzati ċerti kwistjonijiet dwar l-ammissibbiltà mqajma minn Kendrion.

19. Essenzjalment, Kendrion tafferma li l-appell prinċipali għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu minħabba l-eżistenza ta' kunflitt ta' interess f'din il-proċedura: l-Unjoni hija rrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (l-istituzzjoni), li taġixxi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (l-ogħla awtorità ġudizzjarja fi ħdan l-istess istituzzjoni)[10]. Għaldaqstant, fil-fehma tagħha, l-appell imur kontra l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") li jiggarantixxi stħarriġ minn qorti indipendenti u imparzjali. Kendrion tkompli targumenta li, li kieku l-appell kellu jitqies ammissibbli, l-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkun limitat għal żbalji manifesti mill-Qorti Ġenerali.

20. Fil-fehma tiegħi, l-argumenti ta' Kendrion dwar l-inammissibbiltà tal-appell prinċipali għandhom jiġu miċħuda.

21. L-Artikolu 268 TFUE u t-tieni u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE huma ċari biżżejjed fl-għoti ta' *ġurisdizzjoni esklużiva* lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' rikorsi kontra l-Unjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali[11]. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jinkludu l-ebda eċċezzjoni: il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha għalhekk tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà li tirriżulta mill-atti jew mill-ommissjonijiet tagħha stess, kemm jekk imwettqa fil-kapaċità amministrattiva jew fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha. Filwaqt li ma jidhirx li hemm raġuni għal tħassib dwar l-ewwel tip ta' każijiet[12], il-ġurisdizzjoni fl-aħħar tip ta' każijiet, tista' tassew tiġi kkunsidrata bħala soluzzjoni li żgur ma hijiex perfetta. Madankollu, ma kienx hemm dubju fl-għażla tal-abbozzaturi tat-Trattati li jikkonferixxu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ġurisdizzjoni wiesgħa u sħiħa bħal din dwar rikorsi għad-danni.

22. Skont l-Artikolu 13(2) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha "taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, u skond il-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-finijiet previsti minnhom". Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma tistax tirrifjuta ġurisdizzjoni meta l-kundizzjonijiet stabbiliti għaliha fit-Trattati huma ssodisfatti. Lanqas ma tista' l-Qorti tal-Ġustizzja

10 Ir-riferiment li ser isir għaż-żewġ awtoritajiet ġudizzjarji (il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali) ser ikun b'mod kollettiv, jiġifieri l-"qrati tal-Unjoni".

11 Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs Cantina Sociale di Dolianova *et*, C-51/05 P, EU:C:2008:409, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata.

12 Dawn jittrattaw l-iktar is-servizz pubbliku jew każijiet ta' kuntratti pubbliċi.

tal-Unjoni Ewropea toħloq bażi ġdida għal ġurisdizzjoni tal-qrati jew tribunali tal-Istati Membri li tmur lil hinn minn dik li hemm prevista fl-Artikolu 274 TFUE [13]. Huwa għalhekk f'idejn l-Istati Membri, jekk dan ikun neċessarju, biex jirriformaw is-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tal-Unjoni attwalment fis-seħħ, f'konformità mal-Artikolu 48 TUE [14].

23. Il-proċeduri mressqa skont l-Artikoli 268 u 340 TFUE għandhom isegwu t-tqassim tal-ġurisdizzjoni stabbilit fid-dispożizzjonijiet tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. B'konsistenza ma' dan, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li talba għad-danni kontra l-Unjoni bbażata fuq nuqqas allegat mill-Qorti Ġenerali biex tagħti sentenza f'terminu raġonevoli għandha tinstema' quddiem il-Qorti Ġenerali [15].

24. F'tali każ, l-Unjoni hija, fil-prinċipju, irrappreżentata mill-istituzzjoni responsabbli mill-kwistjoni li allegatament hija l-oriġini tad-dannu allegat [16]. F'din il-kawża, din hija l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, peress li l-Qorti Ġenerali hija parti minn din l-istituzzjoni [17]. Din kienet ukoll il-pożizzjoni li Kendrion iddefendiet fil-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali [18].

25. Jekk dan huwa minnu, fi proċeduri bħal dawn, din l-istituzzjoni taġixxi bħala parti, b'dak kollu li dan jinvolvi f'termini ta' drittijiet u obbligi għaliha. B'mod partikolari, l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jagħti lil "*kwalunkwe parti* li tkun tilfet parzjalment jew għal kollox, fit-talbiet tagħha" id-dritt li tippreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali [19]. Huwa diffiċli biex wieħed jara r-raġuni għalfejn din id-dispożizzjoni għandha tinqara bħala waħda li tfisser kwalunkwe parti *ħlief l-Unjoni* meta rrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

26. Wara kollox, fil-kuntest tal-prinċipju ta' opportunijiet ugwali għall-partijiet [20], fejn waħda mill-partijiet għandha d-dritt għal appell, tali dritt għandu wkoll jeżisti għall-partijiet l-oħra, sakemm il-kundizzjonijiet rilevanti huma ssodisfatti. Għalhekk, jien ma nara l-ebda bażi insostenn tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma hijiex permessa li tippreżenta appell kontra sentenza tal-Qorti Ġenerali li fiha aġixxiet bħala l-konvenut f'isem l-Unjoni u li tqis bħala żbaljata.

27. Għalhekk, nixtieq nenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti ddeċidiet li l-possibbiltà li jkun hemm aċċess għal qorti indipendenti u imparzjali hija l-bażi tad-dritt għal smigħ xieraq. Għal din ir-raġuni, kull qorti hija obbligata, *ex officio*, li tistħarreġ dawn il-kwistjonijiet [21]. Fid-dawl tal-argumenti mressqa minn Kendrion, nemmen li huwa neċessarju li jiġi eżaminat jekk, f'din il-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tistax ma tkunx imparzjali għall-finijiet ta' din il-ġurisprudenza.

28. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, biex tikkwalifika bħala imparzjali, qorti għandha tissodisfa żewġ aspetti: l-ewwel nett, il-membri kollha tal-qorti għandhom ikunu *suġġettivament* imparzjali, jiġifieri li ħadd mill-membri tagħha ma jxaqleb lejn jew jieħu pożizzjoni fuq bażi personali; it-tieni nett, il-qorti għandha tkun *oġġettivament* imparzjali, jiġifieri, għandha toffri garanziji suffiċjenti biex teskludi kwalunkwe dubju leġittimu f'dan ir-rigward [22].

13 Din id-dispożizzjoni taqra hekk: "*Mingħajr preġudizzju għas-setgħat mogħtija lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea fit-Trattati*, it-tilwim li fih l-Unjoni tkun parti, m'għandhomx għal dik ir-raġuni jkunu esklużi mill-kompetenza ta' qrati jew tribunali nazzjonali" (enfasi miżjuda minni).

14 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill, C-50/00 P, EU:C:2002:462, punt 45.

15 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771, punt 95.

16 Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tiegħi f'Feralpi *et* vs Il-Kummissjoni, C-85/15 P, C-86/15 P, C-88/15 P u C-89/15 P, EU:C:2016:940, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata.

17 Ara l-Artikoli 13(1) u 19(1) TUE

18 Ara d-digriet tas-6 ta' Jannar 2015, Kendrion vs L-Unjoni Ewropea, T-479/14, mhux ippubblikat, EU:T:2015:2, punt 10.

19 Enfasi miżjuda minni.

20 Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti ddeċidiet li l-Artikolu 47 tal-Karta jinkludi, bħala komponent tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet jew l-ugwaljanza proċedurali. Ara, *inter alia*, is-sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, *Toma and Biroul Executorului Judecătoresc Horaţiu-Vasile Cruduleci*, C-205/15, EU:C:2016:499, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata.

21 Sentenza tal-1 ta' Lulju 2008, Chronopost *et* vs UFEX *et*, C-341/06 P u C-342/06 P, EU:C:2008:375, punti 46 sa 48.

22 *Ibid*., punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata.

29. Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, membru tal-qorti huwa preżunt li jkun imparzjali, fl-assenza ta' xi prova kontrarja [23]. Għalkemm ir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja [24] ma jinkludu l-ebda regola speċifika fir-rigward tal-astensjoni u r-rikuża tal-membri tagħha [25], il-partijiet jistgħu jinvokaw il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 18 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta jikkunsidraw li wieħed jew iktar mill-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja (Imħallef jew Avukat Ġenerali) [26] li qegħdin jisimgħu l-kawża tagħhom ma għandhomx ikunu sedenti fil-kompożizzjoni [27]. Madankollu, l-ebda ċirkustanza bħal din ma tista' tidher f'din il-kawża dwar dan ir-rigward, u lanqas Kendrion ma ressqet xi argument jew ipproduċiet prova li kapaċi jqajmu xi dubju dwar dan.

30. Fi kwalunkwe każ, jidher ċar mill-ġurisprudenza jirriżulta li, biex tiġi evitata l-possibbiltà li l-Imħallfin li jisimgħu kawża jkunux, jew sempliċement jiġu pperċipiti li jkunu, mhux imparzjali, il-qorti tal-Unjoni li tkun qiegħda tisma' r-rikors għad-danni bħal dak ippreżentat minn Kendrion għandha tiddeċiedi permezz ta' *kulleġġ ta' ġudikanti differenti* minn dak li sema' t-tilwima li tat lok għall-proċedura li t-terminu tagħha ġie kkritikat [28]. Fi kliem ieħor, l-ebda membru tal-qorti tal-Unjoni li ttrattat l-ewwel rikors ma jista' jisma' r-rikors segwenti.

31. Għalhekk, il-kwistjoni ewlenija f'din il-kawża, pjuttost tidher li hija jekk il-Qorti tal-Ġustizzja, *bħala organu*, toffrix garanziji suffiċjenti biex teskludi kwalunkwe dubju leġittimu dwar l-imparzjalità oġġettiva tagħha. Mill-ġurisprudenza tal-QEDB jirriżulta li l-kombinazzjoni ta' funzjonijiet ġudizzjarji u mhux ġudizzjarji jistgħu jaffettwaw jew ma jaffettwawx – jiddependi miċ-ċirkustanzi – l-imparzjalità ta' qorti. [29]

32. Għar-raġunijiet spjegati fil-punti li ġejjin, u fid-dawl tar-restrizzjonijiet istituzzjonali tas-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja tissodisfa, f'proċeduri bħal din preżenti, ir-rekwiżiti ta' qorti imparzjali. B'mod partikolari, l-argumenti mressqa minn Kendrion ma jikkunsidrawx id-distinzjoni li għandha ssir bejn il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea bħala istituzzjoni, u l-organi ġudizzjarji li huma parti minn dik l-istituzzjoni (attwalment, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali) [30].

33. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li, fi ħdan l-istituzzjoni, hemm distinzjoni ċara bejn ir-rwol amministrattiv u dak ġudizzjarju. Dan ifisser li l-konsulent ġuridiku dwar il-kwistjonijiet amministrattivi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u t-tim tiegħu fuq naħa, u l-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-persunal tagħhom fuq in-naħa l-oħra, jaħdmu separatament u indipendentament. Biex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali jew kwalunkwe kwistjoni oħra ta' smigħ xieraq ma għandha ssir l-ebda komunikazzjoni *ex parte* bejniethom fir-rigward tas-suġġett tal-kawża.

23 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni, C-385/07 P, EU:C:2009:210, punt 335, u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"QEDB") iċċitata.

24 Regola bħal din lanqas ma tista' tinstab fir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

25 Jista' jiġi mistoqsi jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni għandux jimla din il-lakuna. Fil-fatt, jista' jidher paradossali li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex regoli ddettaljati dwar l-astensjoni u r-rikuża, filwaqt li b'mod konsistenti kkunsidrat l-eżistenza ta' dawn ir-regoli fuq livell nazzjonali bħala prekundizzjoni neċessarja għal organu nazzjonali biex jiġi kkunsidrat bħala "qorti jew tribunal" għall-finijiet tal-Artikolu 267 TFUE (ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2014, TDC, C-222/13, EU:C:2014:2265, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, din il-kwistjoni ma għandha l-ebda rilevanza ma' din il-proċedura.

26 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 42.

27 Ma jistax jiġi eskluż li n-nuqqas ta' membru tal-Qorti tal-Ġustizzja milli jirrikuża ruħu jew jastjeni minkejja sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess jista', meta l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfatti, jikkostitwixxi bażi għal reviżjoni ta' sentenza skont l-Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

28 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771, punt 101.

29 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland vs Il-Kummissjoni, C-385/07 P, EU:C:2009:210,punti 330 sa 332 u l-ġurisprudenza ċċitata tal-QEDB.

30 Ara l-Artikoli 13(1) u 19(1) TUE

34. Il-punt ta' kuntatt ewlieni bejn iż-żewġ fergħat tal-istituzzjoni huwa l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"President"), peress li jippresjedi kemm fuq l-istituzzjoni kif ukoll fuq l-ogħla organu ġudizzjarju tagħha. F'din il-kawża, id-deċiżjoni li jiġi ppreżentat appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali kienet fil-fatt meħuda mill-President li, għall-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni, ħatar lill-konsulent ġuridiku dwar il-kwistjonijiet amministrattivi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [31].

35. Proprju għal din ir-raġuni, il-President ma jinterferixxix fil-ġestjoni ġudizzjarja ta' din il-kawża: ma huwiex parti mill-kompożizzjoni ta' ġudikanti tal-Qorti tal-Ġustizzja li qegħdin jisimgħu l-appell, u r-responsabbiltà għall-atti proċedurali li, bħala President tal-Qorti tal-Ġustizzja, kien ikollu jwettaq, ġiet iddelegata lill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja.

36. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, jien tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja bħala organu tissodisfa wkoll ir-rekwiżit ta' imparzjalità oġġettiva fil-kuntest ta' din il-proċedura. Konsegwentement, ma hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta.

37. Fl-aħħar nett, ma nara l-ebda bażi biex jiġi affermat li, fi proċedura bħal dik ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tissodisfa l-mandat tagħha bħala qorti tal-appell (u tal-aħħar istanza) b'mod differenti minn dak li huwa meħtieġ li twettaq fi kwalunkwe kawża oħra. Għal darba oħra, ir-regoli tat-Trattat FUE (b'mod partikolari, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 256(1) u tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (speċjalment l-Artikolu 58) dwar l-appelli huma applikabbli b'mod sħiħ ukoll għal din il-kawża.

38. Jekk ikun hemm nuqqas ta' kwalunkwe indikazzjoni konkreta dwar din il-kwistjoni minn Kendrion, insibha diffiċli biex nifhem ir-raġunijiet għalfejn il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapplika standard tal-istħarriġ iktar wiesa' jew iktar strett għas-sentenza kkontestata, skont l-identità tal-parti li tkun ippreżentat l-aggravju rilevanti. Bl-istess mod, ma jistax jiġi aċċettat li l-Unjoni (il-konvenut effettiv fir-rikors għad-danni skont l-Artikoli 268 u 340 TFUE) jista' jkollha drittijiet proċedurali iktar b'saħħithom jew iktar dgħajfa, skont l-istituzzjoni li tirrappreżentaha.

39. Skont dawn iċ-ċirkustanzi, nikkunsidra dan l-appell bħala ammissibbli.

B. Sustanza

1. Dannu materjali

40. It-tliet aggravji invokati mill-Unjoni, kif ukoll it-tieni u t-tielet aggravju ppreżentati minn Kendrion, kollha jikkonċernaw il-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-dannu materjali allegatament imġarrab minn Kendrion. B'mod partikolari, iż-żewġ partijiet affermaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-eżami tat-talbiet ta' Kendrion relatati mad-dannu li rriżulta mill-ispejjeż għall-garanzija bankarja li din il-kumpannija għamlet lill-Kummissjoni sabiex tevita l-ħlas immedjat tal-multa imposta mid-Deċiżjoni C(2005) 4634. Kendrion tafferma wkoll li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet it-talba tagħha biex tiġi kkumpensata għall-interessi mħallsa lill-Kummissjoni għall-perijodu tal-iskadenza.

31 B'mod partikolari, il-membri l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinux involuti f'dik id-deċiżjoni, bil-kontra ta' dak li assumiet Kendrion fl-osservazzjonijiet tagħha.

41. Nikkunsidra li huwa xieraq li nibda l-analiżi legali tiegħi fuq dawn il-kwistjonijiet billi neżamina t-talbiet li jikkonċernaw l-ispejjeż tal-garanzija bankarja mħallsa minn Kendrion. F'dan ir-rigward, ser nibda bl-*ewwel* aggravju ppreżentat mill-Unjoni. Sussegwentement ser nittratta, għall-finijiet ta' kompletezza biss, it-*tieni* aggravju tal-Unjoni. Wara dan, mhux ser ikun hemm il-bżonn li jiġu eżaminati l-aggravji l-oħrajn li jikkonċernaw l-ispejjeż tal-garanzija bankarja.

42. Fl-aħħar nett, ser neżamina t-*tieni* aggravju ta' Kendrion, li jikkonċerna l-ħlas tal-interessi tal-multa għall-perijodu tal-iskadenza.

a) L-ispejjeż tal-garanzija bankarja: l-eżistenza ta' rabta kawżali

43. Bl-ewwel aggravju tagħha, l-Unjoni, sostnuta mill-Kummissjoni Ewropea, ma taqbilx mal-interpretazzjoni u mal-applikazzjoni tal-Qorti Ġenerali tal-kunċett ta' "rabta kawżali". Essenzjalment, l-Unjoni tafferma li ma hemm l-ebda rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-Qorti Ġenerali tal-obbligu ta' deċiżjoni f'terminu raġonevoli biex tagħti sentenza fil-Kawża T-54/06 u d-dannu ta' Kendrion li ġej mill-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja. B'mod partikolari, l-Unjoni tenfasizza li dan id-dannu kien ir-riżultat tal-għażla li saret minn Kendrion biex iżżomm it-tranżazzjoni tal-garanzija bankarja matul il-proċedura minflok ma ħallset il-multa imposta mill-Kummissjoni. Min-naħa tagħha, dwar dan il-punt Kendrion tiddefendi s-sentenza appellata: fil-fehma tagħha, l-ispejjeż tal-garanzija bankarja mħallsa fil-perijodu tal-iskadenza ġew ikkawżati min-nuqqas tal-Qorti Ġenerali biex tagħti sentenza f'terminu raġonevoli.

44. Fil-punti li ġejjin, ser nibda billi b'mod konċiż nuri l-motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali u sussegwentement nispjega għalfejn, fl-opinjoni tiegħi, l-ewwel aggravju l-Unjoni huwa manifestament fondat.

45. Fil-punti 64 u 65 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali fakkret il-ġurisprudenza stabbilita, li skontha d-dannu li għalih qiegħed jintalab kumpens fil-kuntest ta' rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni għandu jkun reali u ċert, u huwa r-rikorrent li għandu jipproduċi l-prova ta' dan. Dan għandu jipproduċi provi wkoll dwar l-eżistenza ta' rabta kawżali – jiġifieri, b'effett suffiċjentement dirett – bejn l-aġir irrapportat u d-dannu allegat.

46. Fil-punti 81 sa 84 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li, li kieku t-tul tal-proċedura fil-Kawża T-54/06 ma qabiżx it-terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza, Kendrion ma kinitx tkun obbligata li tħallas l-ebda spejjeż ta' garanzija bankarja matul il-perijodu tal-iskadenza. Dan kien ifisser, li fil-fehma tagħha, kien hemm rabta kawżali bejn il-ksur tal-obbligu għal għoti ta' sentenza f'terminu raġonevoli u l-okkorrenza tad-dannu mġarrab minn Kendrion b'riżultat tal-ħlas tagħha tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja matul il-perijodu tal-iskadenza.

47. B'riferiment għal ġurisprudenza preċedenti (iktar 'il quddiem il-"ġurisprudenza Holcim") [32], il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet— fil-punt 86 tas-sentenza appellata — li, fil-prinċipju, l-ispejjeż tal-garanzija bankarja sostnuti minn kumpannija ssanzjonata minn deċiżjoni tal-Kummissjoni huma l-konsegwenza tad-deċiżjoni tal-kumpannija stess biex tagħmel garanzija bankarja sabiex ma teżegwixxix l-obbligu li tħallas il-multa fit-terminu mogħti fid-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, din l-ispiża normalment ma tistax tiġi kkunsidrata bħala konsegwenza *diretta* tal-aġir tal-istituzzjoni.

32 Ara s-sentenza tal-21 ta' April 2005, Holcim (Deutschland) vs Il-Kummissjoni, T-28/03, EU:T:2005:139, punt 123, u d-digriet tat-12 ta' Diċembru 2007, Atlantic Container Line *et* vs Il-Kummissjoni, T-113/04, mhux ippubblikat, EU:T:2007:377, punt 38. Nixtieq nenfasizza li, sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ma kellhiex l-opportunità li tikkonferma din il-ġurisprudenza.

48. Madankollu, il-Qorti Ġenerali sussegwentement kompliet – fil-punti 87 sa 89 tas-sentenza appellata – tiddistingwi l-kawża ineżami minn dik li tat lok għall-ġurisprudenza Holcim. Il-Qorti Ġenerali adottat il-fehma li, fil-mument meta Kendrion ippreżentat ir-rikors tagħha fil-Kawża T-54/06, u fil-mument meta għamlet garanzija bankarja, il-ksur tal-obbligu ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza ma kienx prevedibbli, u Kendrion setgħet leġittimament tistenna li r-rikors tagħha jiġi ttrattat f'terminu raġonevoli. Il-Qorti Ġenerali osservat ukoll li t-terminu raġonevoli għall-għoti tas-sentenza fil-Kawża T-54/06 nqabeż wara d-deċiżjoni inizjali tar-rikorrenti li tagħmel garanzija bankarja. Għal dawn ir-raġunijiet, hija ddeċidiet li r-rabta bejn il-fatt li t-terminu raġonevoli għall-għoti tas-sentenza fil-KawżaT-54/06 nqabeż u l-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja matul il-perijodu tal-iskadenza ma setgħetx tiġi kkunsidrata li nkisret bid-deċiżjoni inizjali ta' Kendrion li ma tħallasx immedjatament il-multa u tagħmel garanzija bankarja. Hija għalhekk ikkonkludiet, fil-punt 90 tas-sentenza, li r-rabta kawżali kienet suffiċjentement diretta għall-finijiet tal-Artikolu 340 TFUE.

49. Il-motivazzjoni segwita mill-Qorti Ġenerali hija, fil-fehma tiegħi żbaljata. Essenzjalment, il-Qorti Ġenerali taċċetta l-awtorità li tirriżulta mill-ġurisprudenza Holcim iżda sussegwentement tkompli billi tiddistingwi din il-kawża minn dawk li kienu s-suġġett ta' din il-ġurisprudenza. Bħall-Qorti Ġenerali, nemmen li l-ġurisprudenza Holcim hija valida iżda, għall-kuntrarju tal-Qorti Ġenerali, ma nikkunsidrax li l-kawża ineżami hija sostanzjalment differenti mill-kawżi li wasslu għas-sentenza ta' Holcim: fl-opinjoni tiegħi, l-ebda miż-żewġ raġunijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali għal din id-distinzjoni ma hija, kemm jekk meħuda waħedha u kemm flimkien ma' oħrajn, konvinċenti.

50. Qabel nispjega fid-dettall għalfejn jien ta' din il-fehma, nixtieq nenfasizza li, skont ġurisprudenza stabbilita sew, l-Artikolu 340 TFUE ma jistax jiġi interpretat bħala li jeżiġi lill-Unjoni tħallas kumpens għal kull konsegwenza dannuża, anki jekk waħda remota, tal-aġir tal-istituzzjonijiet tagħha [33]. Għaldaqstant, f'rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma huwiex biżżejjed li l-aġir irrapportat ikun wieħed mill-kawżi tad-dannu allegat; dan l-aġir għandu jkun il-kawża "*li tiddetermina*" d-dannu [34]. Fi kliem ieħor, effett suffiċjenti jeżisti biss meta d-dannu huwa l-konsegwenza diretta ta' att illegali tal-istituzzjoni responsabbli u ma jiddependix mill-intervent ta' raġunijiet oħra, kemm jekk pożittivi jew negattivi [35].

1) Il-prevedibbiltà tal-aġir illegali

51. L-ewwel raġuni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-distinzjoni tagħha ta' din il-kawża minn dik li tat lok għall-ġurisprudenza Holcim hija li, fil-mument meta Kendrion ippreżentat ir-rikors tagħha fil-Kawża T-54/06, u fil-mument meta għamlet il-garanzija bankarja, il-ksur tal-obbligu ta' terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza mill-Qorti Ġenerali *ma kienx prevedibbli*.

33 F'dan ir-rigward, ara s-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1979, Dumortier *et* vs Il-Kunsill, 64/76, 113/76, 167/78, 239/78, 27/79, 28/79 u 45/79, EU:C:1979:223, punt 21. Ara, iktar reċenti, id-digriet tal-31 ta' Marzu 2011, Mauerhofer vs Il-Kummissjoni, C-433/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:204, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata.

34 Ara d-digriet tal31 ta' Marzu 2011, Mauerhofer vs Il-Kummissjoni, C-433/10 P, mhux ippubblikat, EU:C:2011:204, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata.

35 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trabucchi, fil-kawża Compagnie continentale France vs Il-Kunsill, 169/73, EU:C:1974:32, punt 4.

52. Madankollu, din l-istqarrija hija, l-ewwel nett, mhux preċiża. Sfortunatament, numru ta' kawżi li ġew deċiżi mill-Qorti Ġenerali ftit qabel ma ġie ppreżentat ir-rikors fil-Kawża T-54/06 kienu ta' tul sinjifikattiv [36]. Dan huwa tassew minnu f'kawżi li jikkonċernaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, u b'mod partikolari akkordji [37] li huma notevolment kumplessi u jieħdu l-ħin u jistgħu jeżiġu ġestjoni parallela u kkoordinata ta' diversi kawżi fl-istess ħin.

53. Huwa minnu li Kendrion, bħal kull rikorrent ieħor, setgħet tistenna li l-kawża tagħha tiġi deċiża f'terminu raġonevoli. Madankollu, fil-kuntest tal-prassi tal-Qorti Ġenerali u tar-Reġistru Ġudizzjarju fid-data tal-fatti, kien eżerċizzju pjuttost inċert u diffiċli li jiġi kkalkolat it-tul probabbli tal-proċedura sabiex tiġi stmata l-ispiża totali potenzjali tal-garanzija bankarja.

54. It-tieni nett, u b'mod iktar importanti, irrispettivament minn jekk id-dewmien eċċessiv fil-Kawża T-54/06 kienx prevedibbli, il-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-użu tal-kunċett ta' "prevedibbiltà" sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' effett kawżali suffiċjenti li skatta r-responsabbiltà tal-Unjoni.

55. Il-kwistjoni ewlenija, fil-kawża ineżami, ma hijiex jekk il-vittma tad-dannu allegat kellhiex il-kapaċità li tantiċipa l-avveniment illegali li rriżulta fid-dannu allegat. Li huwa kruċjali sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea f'din il-kawża huwa, qabelxejn, jekk id-dannu allegat huwiex konsegwenza *diretta* tal-aġir illegali tal-istituzzjoni.

56. Dan huwa punt li l-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina fil-fond. Jidhirli li, fil-kuntest ta' dan l-eżami, in-nuqqas ta' prevedibbiltà potenzjali tad-dewmien eċċessiv seta' biss ikun rilevanti f'żewġ ċirkustanzi. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkustanzi ma tapplika għal din il-kawża.

57. Minn naħa waħda, dan l-element seta' jkun rilevanti kieku Kendrion ma setgħetx, sussegwentement, tmur lura mid-deċiżjoni inizjali tagħha li tiddifferixxi l-ħlas u tagħmel garanzija bankarja. Iżda, kif ser jintwera fil-punti 68 sa 74 iktar 'il quddiem, dan ma huwiex il-każ: fi kwalunkwe mument matul il-proċeduri ġudizzjarji, Kendrion kellha l-libertà li tħallas il-multa u tirtira l-garanzija bankarja. Għalhekk, anki jekk għall-bidu ma kienx prevedibbli, Kendrion, eventwalment setgħet tadatta l-aġir tagħha fil-kuntest ta' dan l-avveniment il-ġdid.

58. Min-naħa l-oħra, in-nuqqas ta' prevedibbiltà potenzjali tad-dewmien eċċessiv seta' jkun ukoll rilevanti li kieku l-Unjoni argumentat, quddiem il-Qorti Ġenerali, li Kendrion naqset milli tuża diliġenza raġonevoli biex tevita jew tillimita l-portata tad-dannu li seta' rriżulta mill-għażla tagħha li tiddifferixxi l-ħlas tal-multa sakemm jintemmu l-proċeduri ġudizzjarji.

59. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, f'rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali, għandu jiġi vverifikat jekk, bir-riskju li d-dannu jiġġarrab minnha stess, il-persuna leża wrietx, bħala persuna prudenti, diliġenza raġonevoli biex tevita jew tillimita l-portata tad-dannu. Ir-rabta kawżali tista' tinkiser b'negliġenza min-naħa tal-persuna leża, fejn din in-negliġenza tirriżulta li hija l-kawża determinanti tad-dannu [38].

36 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-13 ta' Jannar 2004, Thermenhotel Stoiser Franz *et* vs Il-Kummissjoni, T-158/99, EU:T:2004:2; tal-11 ta' Mejju 2005, Saxonia Edelmetalle vs Il-Kummissjoni, T-111/01 u T-133/01, EU:T:2005:166; tad-19 ta' Ottubru 2005, Freistaat Thüringen vs Il-Kummissjoni, T-318/00, EU:T:2005:363; u tal-14 ta' Diċembru 2005, Laboratoire du Bain vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-151/00, mhux ippubblikata, EU:T:2005:450.

37 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2003, Marlines vs Il-Kummissjoni, T-56/99, EU:T:2003:333; tat-8 ta' Lulju 2004, Mannesmannröhren-Werke vs Il-Kummissjoni, T-44/00, EU:T:2004:218; tal-14 ta' Diċembru 2005, Honeywell vs Il-Kummissjoni, T-209/01, EU:T:2005:455; u tal-15 ta' Marzu 2006, BASF vs Il-Kummissjoni, T-15/02, EU:T:2006:74.

38 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Trubowest Handel u Makarov vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-419/08 P, EU:C:2010:147, punt 61. Dan il-prinċipju huwa, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti, prinċipju ġenerali komuni għas-sistemi legali tal-Istati Membri: ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-5 ta' Marzu 1996, Brasserie du pêcheur and Factortame, C-46/93 u C-48/93, EU:C:1996:79, punt 85 u l-ġurisprudenza ċċitata.

60. Madankollu, din ma hijiex ir-raġuni għalfejn il-Qorti Ġenerali għamlet riferiment għal dan l-element fis-sentenza appellata. Il-Qorti Ġenerali ma għamlitx użu mill-kriterju ta' prevedibbiltà biex teżamina jekk in-negliġenza ta' Kendrion kisritx ir-rabta kawżali bejn id-dannu allegat u l-aġir ilmentat tal-istituzzjoni tal-Unjoni; minflok hija applikat dan il-kunċett sabiex bħala l-ewwel pass tistabbilixxi l-eżistenza ta' tali rabta.

61. Madankollu, in-nuqqas ta' prevedibbiltà potenzjali tal-avveniment li ta lok għad-dannu allegat ma jgħid xejn dwar il-*fattur determinanti* tad-dannu allegat. Anki jekk wieħed jassumi li d-dewmien eċċessiv ma kienx prevedibbli, dan il-fatt la huwa neċessarju u lanqas suffiċjenti biex jiskatta r-responsabbiltà tal-Unjoni.

62. Fil-kuntest ta' dan ta' hawn fuq, jien tal-fehma li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali interpretat u applikat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "prevedibbiltà" għall-finijiet tal-Artikolu 340 TFUE sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn id-dannu allegat u l-aġir ilmentat.

2) In-nuqqas ta' għażla ta' Kendrion

63. It-tieni raġuni mogħtija mill-Qorti Ġenerali fid-distinzjoni tagħha ta' din il-kawża minn dawk li taw lok għall-ġurisprudenza Holcim hija li t-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza fil-Kawża T-54/06 nqabeż *wara* d-deċiżjoni ta' Kendrion li tagħmel granzija bankarja.

64. Fil-fehma tiegħi, dan l-element huwa wkoll irrilevanti.

65. Qabelxejn, għandu jitfakkar li deċiżjoni tal-Kummissjoni, bħad-Deċiżjoni C(2005) 4634, hija legalment vinkolanti u preżunta valida sakemm tiġi annullata mill-qrati tal-Unjoni. Jekk impriża li ġiet issanzjonata b'multa imposta mill-Kummissjoni tqis li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija illegali u li l-konformità immedjata magħha taf tipprovoka danni irreparabbli, huwa f'idejn din l-impriża li tressaq talba għal miżuri provviżorji quddiem il-qrati tal-Unjoni skont l-Artikoli 278 u 279 TFUE waqt li tikkontesta l-validità tad-deċiżjoni.

66. Jekk ma titressaqx tali talba, jew jekk tali talba tiġi miċħuda mill-qrati tal-Unjoni, għandha titħallas multa, bħala regola, fil-perijodu stipulat fid-deċiżjoni. Għalhekk, ir-regoli baġitarji tal-Unjoni [39] jippermettu lill-Kummissjoni taċċetta li l-ħlas ta' multa jiġi ddifferit, sakemm id-debitur jimpenja ruħu li jħallas l-interessi moratorji u jippreżenta garanzija finanzjarja li tkopri d-dejn li jkun għadu ma tħallasx kemm tas-somma prinċipali kif ukoll tal-interessi.

67. Għalhekk, l-għażla offruta lill-impriżi li għandhom l-intenzjoni li jikkontestaw multa quddiem il-qrati tal-Unjoni hija li jew iħallsuha immedjatament (ir-regola) jew jitolbu l-possibbiltà li jissottomettu garanzija bankarja (l-eċċezzjoni). L-għażla tal-impriża għandha tkun *finanzjarjament newtrali* għall-Unjoni: differiment ta' ħlas ma għandux iwassal għal telf fil-baġit tal-Unjoni. L-uffiċjal tal-kontabbiltà li, f'kollaborazzjoni mal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, jieħu deċiżjoni dwar talba tal-impriża li tiddifferixxi l-ħlas ma għandux is-setgħa li jbiddel il-valur tal-multa li ġiet deċiża mill-Kummissjoni bħala istituzzjoni (jiġifieri, mill-Kulleġġ tal-Kummissarji). Fl-istess ħin, id-deċiżjoni ta' impriża li tħallas immedjatament il-multa, minkejja l-intenzjoni tagħha li tikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni quddiem il-qrati tal-Unjoni, ma għandhiex twassal għal arrikkiment indebitu

39 L-Artikolu 85 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 145). Dan ir-regolament, applikabbli fid-data tal-fatti, ġie ssostitwit bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012, L 362, p. 1).

tal-Unjoni. Din hija r-raġuni għalfejn, minn naħa waħda, jekk il-qrati tal-Unjoni jilqgħu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-multa li l-ħlas tagħha ġie ddifferit issir pagabbli bl-interessi. Min-naħa l-oħra, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni kkontestata jwassal għal obbligu tal-Unjoni li tħallas lura s-somom imħallsa, miżjuda bir-rata tal-interessi applikabbli. [40]

68. Id-deċiżjoni biex jiġi ddifferit ħlas ta' multa evidentement tippermetti lill-impriża tkompli tuża s-somom korrispondenti waqt li l-proċedura ġudizzjarja tkun pendenti. Madankollu, huma implikati wkoll xi spejjeż żejda (dawk assoċjati mas-sottomissjoni tal-garanzija bankarja) li l-impriża għandha taċċetta li tħallas, anki jekk finalment tikseb l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata. Għalhekk, huwa f'idejn kull impriża ssanzjonata mill-Kummissjoni biex tevalwa jekk finanzjarjament huwiex fl-interessi tagħha li tħallas il-multa fil-perijodu preskritt, jew titlobx differiment tal-ħlas u tagħmel garanzija bankarja.

69. B'mod partikolari, għall-kuntrarju ta' dak li qed timplika l-Qorti Ġenerali, din ma hijiex għażla li tista' ssir darba biss. Kwalunkwe impriża li tkun għażlet li tissottometti garanzija tista' dejjem tmur lura fuq id-deċiżjoni oriġinali tagħha u tipproċedi għall-ħlas tal-multa [41]. B'dan, tkun qiegħda tevita l-akkumulazzjoni ta' interessi addizzjonali fuq is-somma prinċipali u tkun tista' tirtira l-garanzija bankarja li tkun għamlet qabel.

70. Xejn ma jipprekludi, skont id-dritt tal-Unjoni, impriża milli ttemm il-garanzija bankarja u tħallas il-multa, meta dik l-impriża tqis li din l-azzjoni hija iktar vantaġġuża. Għalhekk, jista' jiġi preżunt li, jekk impriża, fl-ebda mument matul il-proċedura ma tirrevedi l-għażla inizjali tagħha, ikun minħabba l-fatt li dik l-impriża tqis li l-eżekuzzjoni kontinwa tal-garanzija bankarja għadha fl-aħjar interessi tagħha. Fil-fatt, jekk id-deċiżjoni inizjali sussegwentement tibqax tkun vataġġuża jiddependi fuq għadd ta' fatturi li – kif tenfasizza l-Kummissjoni – jistgħu jvarjaw b'mod sinjifikattiv matul iż-żmien (l-ispejjeż meta jissellfu l-flus, it-tariffi applikati mill-bank għall-garanzija, id-dħul li s-somma dovuta tiġġenera meta tiġi investita f'negozji oħrajn, u ħafna iktar). Mill-perspettiva ekonomika, huwa għalhekk raġonevoli li jiġi preżunt li impriża tista' regolarment tikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni inizjali tagħha.

71. Għalhekk, kif argumentat tajjeb l-Unjoni, l-għażla li ssir garanzija bankarja minflok titħallas il-multa imposta mill-Kummissjoni ma saritx biss fil-bidu tal-proċedura: dik l-għażla *nżammet* (jew ġiet *ikkonfermata*) b'mod ħieles u konxju minn Kendrion matul il-perijodu kollu matul il-proċedura ġudizzjarja fil-Kawża T-54/06, anki meta din il-proċedura laħqet tul sinjifikattiv.

72. Sa ċertu punt, dan huwa kkonfermat minn Kendrion.

73. Fl-osservazzjonijiet tagħha, Kendrion tindika li d-deċiżjoni inizjali li tagħmel garanzija bankarja ttieħdet għax, fl-istess żmien, dehret bħala "finanzjarjament raġonevoli". Hija tkompli targumenta li d-deċiżjoni li ttemm il-garanzija bankarja u tħallas il-multa qabel it-tmiem tal-proċedura ġudizzjarja kienet tkun diffiċli biex tittieħed, minħabba l-konsegwenzi finanzjarji li kienet tinvolvi (il-ħlas ta' somma kbira, li tikkorrispondi għan-nofs l-ekwità tagħha) u l-problemi prattiċi li kienet toħloq (b'mod partikolari, fil-konfront tal-istituzzjonijiet finanzjarji li pprovdew il-garanzija bankarja u l-azzjonisti u partijiet ikkonċernati oħrajn).

40 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar, 2015, Il-Kummissjoni vs IPK International, C336/13 P, EU:C:2015:83. Fir-rigward tat-tip u l-ammont ta' interessi li għandhom jitħallsu lura mill-Kummissjoni lil kumpannija li kienet ħallset multa sabiex tikkonforma ruħha ma' deċiżjoni adottata taħt l-Artikolu 101 TFUE li ġiet sussegwentement annulata mill-qrati tal-UE, ara l-Kawża T-201/17, Printeos vs Il-Kummissjoni, li għadha penedenti.

41 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-12 ta' Mejju 2016, Trioplast Industrier vs Il-Kummissjoni, T-669/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:285, punt 103.

74. Dawn l-argumenti juru li Kendrion kienet konxja li setgħet temmet il-garanzija u tħallas il-multa fi kwalunkwe mument. Hija turi wkoll li l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet offruti mil-liġi fir-rigward tal-multa li għadha ma tħallsitx saret (impliċitament jew espliċitament) minn din il-kumpannija matul din il-proċedura. Il-fatt li Kendrion iddeċidiet li żżomm il-garanzija bankarja, għat-tul kollu tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali, għal numru ta' raġunijiet strateġiċi, ekonomiċi, finanzjarji u prattiċi juri li aġixxiet b'dak il-mod li emmnet li huwa l-aħjar għall-interessi tagħha. Ulterjorment, jista' jingħad li l-eżekuzzjoni tal-garanzija bankarja ġiet imtawla sat-tmiem tal-proċedura tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja anki jekk Kendrion tilfet fl-ewwel istanza.

75. Bħala konklużjoni għal dan il-punt, it-tieni raġuni tal-Qorti Ġenerali fid-distinzjoni tagħha ta' din il-kawża minn dawk li taw lok għall-ġurisprudenza ta' Holcim hija għalhekk ibbażata fuq premessa żbaljata: li l-unika deċiżjoni li kellha importanza f'din il-kawża kienet id-deċiżjoni inizjali ta' Kendrion li tiddifferixxi l-ħlas u tagħmel garanzija bankarja qabel ma bdiet il-proċedura.

76. In-natura żbaljata ta' din il-premessa hija wkoll indirettament ikkonfermata mis-sentenza appellata.

3) Il-kontradizzjoni fis-sentenza appellata

77. Fil-punt 98 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma teżisti l-ebda rabta kawżali suffiċjenti fir-rigward tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja sostnuti *wara* l-għoti tas-sentenza fil-Kawża T-54/06. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat il-ħlas ta' dawn l-ispejjeż bħala l-konsegwenza tad-deċiżjoni personali u indipendenti li Kendrion ħadet, wara l-għoti ta' din is-sentenza, li ma tħallasx il-multa, ma titlobx sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni C(2005) 4634), u tippreżenta appell kontra l-imsemmija sentenza. Jekk dan huwa minnu, ma nistax nifhem għalfejn id-deċiżjoni li tinżamm il-garanzija bankarja kienet, fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, deċiżiva biex teskludi r-responsabbiltà tal-Unjoni *wara* l-għoti tas-sentenza u mhux *qabel*.

78. Kif argumentat l-Unjoni Ewropea, jidher li ma hemm l-ebda differenza sinjifikattiva bejn dawn il-perijodi li jistgħu jkunu rilevanti skont l-Artikolu 340 TFUE. Barra minn hekk, matul il-proċedura tal-ewwel istanza, Kendrion b'mod konxju għażlet li ma titlobx sospensjoni tad-deċiżjoni kkontestata u li tkompli bl-eżekuzzjoni tal-garanzija bankarja sakemm din proċedura tintemm. Għalhekk, il-punt 98 tas-sentenza appellata jikkonferma li l-elementi li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat rilevanti fil-punti 87 sa 89 tal-istess sentenza fid-distinzjoni tagħha bejn il-kawża ineżami u l-ġurisprudenza Holcim huma immaterjali.

4) Konklużjoni provviżorja

79. Bħala konklużjoni, ma jistax jiġi kkontestat li l-fatt li Kendrion kellha tħallas l-ispejjeż relatati mal-garanzija bankarja li għamlet mal-Kummissjoni matul il-perijodu tal-iskadenza huwa *konsegwenza*, *inter alia*, tal-inabbiltà tal-Qorti Ġenerali biex tiddeċiedi f'terminu raġonevoli.

80. Madankollu, din ma kinitx il-kawża *determinanti* tad-dannu allegat. Il-fattur deċiżiv kien id-deċiżjoni ta' Kendrion li tkompli tibbenefika minn eċċezzjoni li kienet talbet biex ma teżegwixxix l-obbligu tagħha li tħallas multa li kienet dovuta, b'għarfien totali tal-ispejjeż u tar-riskji li l-għażla tagħha kienet tinvolvi. Għaldaqstant, il-prinċipji li ġejjin mill-ġurisprudenza Holcim huma applikabbli fil-kawża ineżami.

81. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, jiena tal-fehma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tagħha tal-kunċett "rabta kawżali" għall-finijiet tal-Artikolu 340 TFUE. Fl-opinjoni tiegħi, ma hemmx rabta kawżali suffiċjentement diretta bejn il-ksur mill-Qorti Ġenerali, fil-Kawża T-54/06, tal-obbligu ta' deċiżjoni f'terminu raġonevoli u d-dannu allegat ta' Kendrion li ġej mill-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja fil-perijodu tal-iskadenza.

82. Fil-kuntest ta' dan, għandha tiġi annullata l-parti tas-sentenza appellata sa fejn tordna lill-Unjoni Ewropea tħallas kumpens ta' EUR 588 769.18 lil Kendrion għal dannu materjali subit minn din il-kumpannija minħabba ksur tal-obbligu ta' terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza fil-kawża li tat lok għas-sentenza tas-16 ta' Novembru 2011, Kendrion vs Il-Kummissjoni (T-54/06, EU:T:2011:667).

83. Dan ifisser li, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel miegħi fuq dan il-punt, ma jkunx hemm bżonn li jiġu eżaminati t-*tieni* u t-*tielet* aggravju invokat mill-Unjoni u t-*tielet* aggravju invokat minn Kendrion. Madankollu, minħabba l-importanza tal-kawżi futuri dwar il-kwistjoni mqajma, nemmen li jista' jkun utli li jiġi ttrattat, għall-finijiet ta' kompletezza biss, it-tieni aggravju invokat mill-Unjoni. Din l-analiżi ser tipprovdi wkoll l-elementi utli għall-eżami tat-*tieni* aggravju ta' Kendrion.

b) L-ispejjeż tal-garanzija bankarja: il-kunċett ta' "dannu"

84. Bit-tieni aggravju tagħha fil-konfront tal-punti 81 sa 99 tas-sentenza appellata, l-Unjoni, sostnuta mill-Kummissjoni, tafferma li l-Qorti Ġenerali interpretat ħażin il-kunċett ta' "dannu". Fil-fehma tagħha, il-qorti tal-ewwel istanza kellha teżamina jekk, fil-perijodu tal-iskadenza, l-ispejjeż tal-garanzija bankarja mħallsa minn Kendrion kinux ikbar mill-vantaġġ ikkonferit lilha bil-pussess ta' somma ugwali għall-ammont tal-multa. Min-naħa tagħha, Kendrion talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad dan l-aggravju bħala infondat. Fil-fehma tagħha, ma hemm l-ebda rabta bejn il-vantaġġi li tgawdi minnhom Kendrion u t-telf imġarrab minnha fil-perijodu tal-iskadenza.

85. Jidhirli li anki dan l-aggravju huwa manifestament fondat. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta, mingħajr l-ebda spjegazzjoni speċifika jew investigazzjoni ulterjuri, fil-punti 81 u 82 tas-sentenza appellata, poġġiet indaqs l-*ispejjeż* tal-garanzija bankarja fil-perijodu tal-iskadenza ma' *dannu* li għandu jiġi kkumpensat skont l-Artikolu 340 TFUE.

86. Iż-żewġ kunċetti għandhom jibqgħu distinti.

87. Att jew ommissjoni ta' istituzzjoni tal-Unjoni jistgħu jkollhom diversi konsegwenzi għas-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża bħal Kendrion. Dawn jistgħu jwasslu għal ċerti spejjeż għall-impriża iżda, fl-istess ħin, jistgħu jirriżultaw f'ċertu qligħ għaliha. Skont it-tifsira tal-Artikolu 340 TFUE, ikun hemm "danni" unikament meta d-differenza netta bejn l-ispejjeż u l-qligħ tkun negattiva [42]. Fi kliem ieħor, irid ikun hemm *telf globali* li jirriżulta mill-aġir irrapportat. Inkella, ikun hemm sitwazzjoni paradossali fejn, minkejja li tkun ibbenefikat finanzjarjament mill-aġir ta' istituzzjoni tal-Unjoni, impriża tkun ukoll intitolata li titlob somom addizzjonali mill-Unjoni.

88. Kif ġie spjegat fil-punti 68 u 70 iktar 'il fuq, id-deċiżjoni ta' impriża li tiddifferixxi ħlas u tagħmel garanzija bankarja, minn naħa waħda, twassal għal ċerti spejjeż iżda, min-naħa l-oħra, tippermetti lil dik l-impriża tuża, għal perijodu ta' żmien, somma li tista' tiġġenera qligħ. Dawn l-effetti varji ma humiex mhux relatati, kif argumentat, b'mod żbaljat Kendrion, iżda huma marbutin b'mod inseparabbli: dawn huma ż-żewġ naħat tal-istess munita.

89. Ekonomikament, l-għażla li jiġi ddifferit ħlas ta' multa essenzjalment tikkostitwixxi forma ta' finanzjament għall-impriża kkonċernata: sat-tmiem tal-proċedura ġudizzjarja, din l-impriża prattikament tissellef il-flus dovuti lill-Unjoni mill-Unjoni nnifisha. L-ispiża globali tal-finanzjament hija, fi kliem sempliċi, is-somma tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja flimkien, jekk l-impriża titlef fil-proċedura ġudizzjarja, mal-interessi eventwalment dovuti fuq dik prinċipali. Madankollu, is-sentenza appellata tiffoka biss fuq l-ispejjeż sostnuti minn Kendrion, u ma tgħid xejn dwar il-qligħ u t-tfaddil li setgħu saru minn din il-kumpannija bis-saħħa tad-differiment tal-ħlas.

42 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 1992, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kommissjoni, C-104/89 u C-37/90, EU:C:1992:217, punt 26 *et seq*.

90. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa żball imwettaq mill-Qorti Ġenerali. Kif issemma fil-punti 70 u 74 iktar 'il fuq, impriża hija preżunta li taġixxi, fi kwalunkwe mument, b'mod li tqis li huwa razzjonali minn perspettiva ekonomika u finanzjarja. Għalhekk, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li, għat-tul kollu tal-proċedura ġudizzjarja fil-Kawża T-54/06, Kendrion sabitha iktar vantaġġuża li tkompli tissellef mill-Unjoni s-somma korrispondenti għall-ammont tal-multa dovuta, minflok tuża l-likwidità tagħha stess jew tissellef dak l-ammont minn istituzzjonijiet tal-kreditu.

91. Jekk dan huwa minnu, ma tistax titwarrab il-possibbiltà li d-dewmien eċċessiv fl-għoti tas-sentenza tal-Kawża T-54/06 mhux biss ma kkawżax telf għal Kendrion, iżda ta lil din il-kumpannija lok għal vantaġġ finanzjarju. Madankollu, dan ma huwiex xi ħaġa li jista' jiġi aċċertat abbażi tas-sentenza appellata peress li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat, mingħajr l-ebda investigazzjoni sussegwenti, li l-ispejjeż tal-garanzija bankarja fil-perijodu tal-iskadenza kkorrispondew mad-dannu mġarrab minn Kendrion matul dak iż-żmien.

92. Finalment, dwar dan il-punt nixtieq inżid li s-sentenza appellata tidher kontradittorja. Fil-fatt, fir-rigward ta' forma oħra ta' dannu allegat (il-ħlas tal-interessi fuq l-ammont tal-multa) il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li Kendrion ma pproduċiet l-ebda evidenza biex turi li, matul il-perijodu tal-iskadenza, "l-ammont tal-interessi moratorji, li tħallsu iktar tard lill-Kummissjoni, kien ogħla mill-vantaġġ li hija setgħet tibbenefika minnu minħabba t-tgawdija tas-somma, ugwali għall-ammont tal-multa miżjuda bl-interessi moratorji" [43].

93. Huwa diffiċli biex wieħed jifhem għalfejn il-Qorti Ġenerali naqset milli tapplika standard simili fir-rigward tad-dannu allegat li jikkonsisti fil-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja relatati mal-istess perijodu.

94. Bħala konklużjoni anki t-*tieni* aggravju invokat mill-Unjoni huwa manifestament fondat.

c) Interessi

95. Bit-tieni aggravju tagħha, ippreżentat fir-rigward tal-punti 75 sa 80 tas-sentenza appellata, Kendrion tafferma li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ċaħdet it-talba tagħha għal kumpens għad-dannu li jikkonsisti fl-interessi, b'rata ta' 3.56 % fuq l-ammont tal-multa imposta fuqha għall-perijodu tal-iskadenza.

96. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li Kendrion ma pproduċiet l-ebda prova biex turi li, matul il-perijodu tal-iskadenza, l-ammont tal-interessi moratorji li ġew imħallsa iktar tard lill-Kummissjoni kien ikbar mill-vantaġġ ikkonferit lilha mill-pussess tas-somma ugwali għall-ammont tal-multa flimkien mal-interessi moratorji.

97. Fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti Ġenerali kienet, minħabba r-raġunijiet deskritti fil-punti 43 sa 94 iktar 'il fuq, korretta fiċ-ċaħda tagħha tat-talba ta' Kendrion. Peress li r-rikors ta' Kendrion ġie finalment miċħud mill-qrati tal-Unjoni, l-interessi moratorji li kellhom jitħallsu lill-Kummissjoni fuq l-ammont tal-multa huma b'mod ċar spiża li Kendrion kellha ssostni matul il-perijodu li fih kienet tinsab pendenti l-proċedura ġudizzjarja. Madankollu, dan ma jfissirx awtomatikament li tali spiża tikkostitwixxi dannu skont it-tifsira tal-Artikolu 340 TFUE.

43 Punt 77 tas-sentenza appellata.

98. B'mod iktar fundamentali, fil-kawża ineżami ma hemm l-ebda rabta kawżali suffiċjentement diretta, għall-finijiet tal-Artikolu 340 TFUE, bejn it-terminu eċċessiv tal-proċedura u t-telf li jikkonsisti fil-ħlas tal-interessi għall-perijodu tal-iskadenza. Kif spjegat fil-punti 71 sa 74 iktar 'il fuq, ir-riskju li tiġi sostnuta din l-ispiża jirriżulta mid-deċiżjoni ta' Kendrion li tiddifferixxi l-ħlas tal-multa sakemm tintemm il-proċedura ġudizzjarja. Kendrion ħadet din id-deċiżjoni b'mod ħieles u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi finanzjarji li joħorġu minnha.

99. Għaldaqstant, it-tieni aggravju ta' Kendrion għandu jiġi miċħud.

2. Danni morali

100. Ir-*raba'* aggravju li bbażat fuqu Kendrion huwa ppreżentat fir-rigward tal-punti 121 sa 135 tas-sentenza appellata fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tat lil din il-kumpannija kumpens ta' EUR 6 000 għad-dannu morali mġarrab minħabba d-dewmien eċċessiv fil-Kawża T-54/06. Kendrion issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u talbet li tingħata ammont ikbar.

101. L-Unjoni, min-naħa tagħha tikkunsidra l-argumenti ta' Kendrion bħala inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondati.

102. Fil-punti li ġejjin, ser nispjega għalfejn jien tal-fehma li r-raba' aggravju ta' Kendrion ma jistax jintlaqa'. Sabiex isir dan, insib utli li qabel jiġu ċċarati xi kunċetti ewlenin.

a) Il-kunċett ta' "dannu morali"

103. Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE li "[f]il-każ ta' responsabbiltà mhux kontrattwali, l-Unjoni għandha, skond il-prinċipji ġenerali komuni għal sistemi legali ta' l-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal *kull* dannu kkaġunat mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-impjegati tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom"[44]. Għaldaqstant, il-qrati tal-Unjoni b'mod konsistenti interpretaw din id-dispożizzjoni bħala waħda li tkopri, fil-prinċipju, kemm telf pekunjarju (fil-forma ta' tnaqqis ta' assi[45] u telf ta' profitti[46]) kif ukoll telf mhux pekunjarju[47].

104. B'mod konsistenti ma' din il-ġurisprudenza, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru 2013 f'Kendrion[48] il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet ċar li "fil-każ ta' rikors għad-danni bbażat fuq ksur, min-naħa tal-Qorti Ġenerali, tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, sa fejn allegatament ma osservatx ir-rekwiżiti marbuta mal-osservanza ta' żmien raġonevoli għall-għoti ta' sentenza, il-Qorti Ġenerali għandha […] b'mod partikolari tistħarreġ jekk tistax tiġi identifikata, minbarra l-eżistenza ta' *dannu materjali*, *l-eżistenza ta' dannu immaterjali* li setgħet ġarrbet il-parti milquta mill-qbiż ta' żmien raġonevoli u li, jekk ikun il-każ, għandu jkun is-suġġett ta' kumpens adegwat"[49].

105. Kumpens skont l-Artikolu 340 TFUE jimmira li jirrestawra, sa fejn huwa possibbli, l-assi tal-vittma kif kienu qabel l-aġir illegali tal-istituzzjoni tal-Unjoni[50]. Għalhekk, telf pekunjarju li huwa konsegwenza diretta ta' dan l-aġir għandu normalment jiġi kkumpensat permezz ta' ħlas ta' somma ugwali għal dak it-telf.

44 Enfasi miżjuda minni. Fil-verżjoni fil-linwa Ingliża "any damages".

45 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998, Embassy Limousines & Services vs Il-Parlament, T-203/96, EU:T:1998:302, punt 89.

46 Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-104/89 u C-37/90, EU:C:2000:38, punt 59 *et seq*.

47 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-3 ta' Frar 1994, Grifoni vs Il-Kummissjoni, C-308/87, EU:C:1994:38, punti 36 sa 38.

48 Sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771, punt 100.

49 Enfasi miżjuda minni.

50 Ara, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Capotorti fil-kawża Ireks-Arkady vs KEE, 238/78, EU:C:1979:203, p. 2983.

106. Madankollu, dan huwa impossibbli għal telf li ma huwiex pekunjarju jew materjali [51]. F'ħafna mis-sistemi legali, il-kunċett ta' dannu "morali" jirreferi għal tipi ta' danni li ma humiex tanġibbli u li ma jistgħux faċilment jingħataw valur ekonomiku peress li, strettament, ma hemmx valur tas-suq għalihom. Eżempji tipiċi ta' dan id-dannu jinkludu uġigħ u sofferenza, tbatija emozzjonali, indeboliment ta' ħajja jew ta' relazzjonijiet. Essenzjalment huma koperti forom differenti ta' danni fiżiċi u/jew psikoloġiċi.

107. F'dawn is-sitwazzjonijiet kollha l-*istatus quo ante* ma jistax jiġi b'mod manifest stabbilit mill-ġdid. Għalhekk, kwalunkwe tip ta' kumpens li l-qrati jistgħu jagħtu dejjem u inevitabbilment ser ikun "it-tieni preferibbli". Għalhekk il-ħlas ta' ammont ta' flus jista', jiddependi fuq iċ-ċirkustanzi, ikun jew ma jkunx l-iktar forma xierqa ta' kumpens [52]. Fil-fatt, il-qrati tal-Unjoni, f'ċerti każijiet, sabu li kumpens monetarju *simboliku* [53] kien biżżejjed, jew li seta' jingħata *kumpens in natura* [54]. F'kawżi oħra, il-qrati tal-Unjoni ma ordnaw l-ebda forma speċifika ta' kumpens, peress li kkunsidraw li l-annullament tal-att illegali [55], jew sempliċement ir-reġistrazzjoni ta' avveniment illegali fis-sentenza [56], jistgħu jikkostitwixxu kumpens sodisfaċenti għall-finijiet tal-Artikolu 340 TFUE [57].

108. Jekk kumpens pekunjarju (u mhux simboliku) huwa kkunsidrat l-iktar forma xierqa ta' kumpens f'każ partikolari, ma hijiex biċċa xogħol faċli biex tiġi kkwantifikata s-somma li għandha tingħata. Il-qorti li għandha ġurisdizzjoni f'tali kawża għandhom joħorġu bi stima ta' ammont li jirrifletti b'mod adegwat id-dannu mġarrab mill-vittma, mingħajr ma jiġi indebitament ikkastigat l-awtur tal-aġir illegali. Fl-assenza ta' parametri ekonomiċi referenzjarji ovvji jew ġeneralment aċċettati, il-qrati jistgħu biss isibu gwida fi prinċipji ġenerali bħal, pereżempju, dak ta' ekwità, ġustizzja u proporzjonalità minn naħa waħda, u dak ta' prevedibbiltà, ċertezza legali u ugwaljanza fit-trattament min-naħa l-oħra.

109. Huwa għalhekk inevitabbli li, biex tiġi ddeterminata l-eżistenza ta' dannu morali, biex jiġu identifikati l-aħjar mezzi li adegwatament jikkumpensawh u, fejn xieraq, biex tiġi kkalkolata s-somma li għandha tingħata, il-qrati jgawdu minn libertà sinjifikattiva.

110. Għalhekk, punt li nixtieq nisħaq fuqu huwa li dannu morali, kif narah jien, ma huwiex sempliċement dannu li l-valur pekunjarju tiegħu jista' jkun diffiċli li jiġi stmat għal *raġunijiet prattiċi*. Huwa biss dannu li, *min-natura tiegħu stess*, ma jistax jiġi finanzjarjament iddeterminat b'mod preċiż u mhux ekwivoku.

111. Fil-fehma tiegħi, dan l-aspett huwa speċjalment rilevanti meta jqumu kwistjonijiet fir-rigward ta' kumpens possibbli għal dannu morali li jkun mitlub minn persuni ġuridiċi. Ċertament, il-kunċett ta' dannu morali jidher li jistona mal-idea li entità legali tista' ssofri xi tip ta' dannu psikoloġiku jew fiżiku. Din hija r-raġuni għalfejn il-possibbiltà għal persuni ġuridiċi li jitolbu kumpens għal dannu

51 Dawn iż-żewġ termini spiss jintużaw bħala sinonimi.

52 Sentenza tas-7 ta' Frar 1990, Culin vs Il-Kummissjoni, C-343/87, EU:C:1990:49, punti 26 sa 29.

53 Sentenza tal-14 ta' Ġunju 1979, V. vs Il-Kummissjoni, 18/78, EU:C:1979:154, punt 19.

54 Sentenza tal-10 ta' Mejju 2006, Galileo International Technology *et* vs Il-Kummissjoni, T-279/03, EU:T:2006:121, punt 63.

55 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2007, Sison vs Il-Kunsill, T-47/03, EU:T:2007:207, mhux ippubblikata, punt 241 u l-ġurisprudenza ċċitata.

56 Ara, *inter alia*, is-sentenzi tad-9 ta' Lulju 1981, Krecké vs Il-Kummissjoni, 59/80 u 129/80, EU:C:1981:170, punt 74; u tad-9 ta' Lulju 1987, Hochbaum u Rawes vs Il-Kummissjoni, 44/85, 77/85, 294/85 u 295/85, EU:C:1987:348, punt 22.

57 Ta' min wieħed jinnota li, f'dan il-kuntest, il-QEDB ukoll, f'xi kawżi, ikkunsidrat sentenzi dikjaratorji u danni simboliċi bħala li jikkostitwixxu "sodisfazzjon xierqa" skont it-tifsira tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-Qorti EDB tal-21 ta' Frar 1975, Golder vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:1975:0221JUD000445170, punt 50; tat-23 ta' Novembru 1976, Engel *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:1976:1123JUD000510071, punti 10 u 11; tas-17 ta' Ottubru 2002, Agga vs Il-Greċja, CE:ECHR:2002:1017JUD005077699, punti 65 u 66; tat-30 ta' Novembru 2004, Vaney vs Franza, CE:ECHR:2004:1130JUD005394600, punti 55 sa 57.

morali hija kwistjoni kontroversjali f'ħafna ġurisdizzjonijiet[58]. Madankollu, ma hemm l-ebda bżonn, għall-finijiet ta' din il-proċedura, li jkun hemm diskussjoni profonda dwar din il-kwistjoni. Huwa biżżejjed li jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li l-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni u l-QEDB ikkonstatat li, f'xi ċirkustanzi, persuni ġuridiċi huma wkoll intitolati li jitolbu kumpens għal dannu morali.

112. Iktar reċenti, fis-sentenza Safa Nicu Sepahan, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat sentenza tal-Qorti Ġenerali fejn din tal-aħħar irrikonoxxiet l-eżistenza ta' dannu morali għal kumpannija li ġiet "assoċjata […] ma' aġir li [tqies] li huwa theddida gravi għall-paċi u għas-sigurtà internazzjonali, bil-konsegwenza li [qajmet] l-istmerrija u s-suspett fil-konfronti tagħha, li [affettwawlha] r-reputazzjoni tagħha"[59]. F'każijiet oħra, il-Qorti Ġenerali tat kumpens għal dannu morali lil impriżi li, minħabba l-aġir illegali ta' istituzzjoni tal-Unjoni, tpoġġew "f'pożizzjoni ta' inċertezza u [ġew] sforzat[i] biex [iwettqu] sforzi inutli bl-għan li [jirrispondu] għall-urġenza tas-sitwazzjoni"[60], jew id-"dehra u r-reputazzjoni" tagħhom ġarrbet xi dannu[61]. Bl-istess mod, f'numru ta' każijiet, il-QEDB iddeċidiet li, biex adegwatament tikkumpensa persuni ġuridiċi li jistgħu jsofru minn dannu morali, "għandha tittieħed inkusiderazzjoni r-reputazzjoni tal-kumpannija, l-inċertezzi fl-ippjanar tad-deċiżjoni, it-tfixkil fil-ġestjoni tal-kumpannija […] u […] l-ansjetà u l-inkonvenjenza kkawżati lill-membri tat-tim tal-ġestjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali][62].

113. Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom, fil-fehma tiegħi, jittieħdu bi prudenza. Għar-raġunijiet spjegati fil-punt 110 iktar 'il fuq, nemmen li mhux id-danni kollha li jirriżultaw, pereżempju, mid-dannu li sar lir-reputazzjoni ta' kumpannija jew mill-istat ta' inċertezza kkawżata għall-persuni li jmexxu kumpannija jistgħu jiġu kkunsidrati bħala danni morali. Fil-fatt, il-konsegwenzi negattivi bħat-telf ta' klijenti, it-telf ta' opportunitajiet ta' negozju, in-neċessità ta' investimenti ikbar fir-reklamar jew fit-trade marks u oħrajn huma — x'aktarx — ta' natura pekunjarja.

114. Huwa minnu li għal dawn il-konsegwenzi huwa diffiċli li tiġi prodotta prova u/jew kwantifikazzjoni, speċjalment jekk parti mid-dannu huwa mistenni li jseħħ fil-futur. Madankollu, ma jsirux "dannu morali" sempliċement minħabba d-diffikultajiet prattiċi li l-vittmi jistgħu jiltaqgħu magħhom biex jipproduċu prova għat-talbiet tagħhom. Telf futur jista', ukoll, jiġi kkumpensat meta fatti affidabbli juru li ma huwiex spekulattiv u jkun ser iseħħ fi żmien raġonevoli[63]. Barra minn hekk, biex jiġi żgurat kumpens adegwat fejn applikazzjoni stretta tar-regoli dwar l-istandard tal-prova tkun tpoġġi oneru tqil wisq fuq il-vittma, il-qrati li jisimgħu l-kawża jistgħu jiddeċiedu li jaċċettaw standard iżjed baxx ta' prova, jew jagħmlu użu minn approssimazzjonijiet jew preżunzjonijiet[64]. Fi kwalunkwe każ, il-qrati tal-Unjoni jgawdu minn diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tad-data li jqisu xierqa biex jiġi kkalkolat u evalwat id-dannu allegat minn parti[65].

58 Ara, bħala riferiment ulterjuri, Wilcox, V., *A Company's Right to Damages for Non-Pecuniary Loss*, Cambridge University Press, Cambridge, 2016.

59 Sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, T-384/11, EU:T:2014:986, ikkonfermata f'partijiet rilevanti mis-sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402.

60 Sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998, Embassy Limousines & Services vs Il-Parlament, T-203/96, EU:T:1998:302.

61 Sentenza tad-9 ta' Lulju 1999, New Europe Consulting u Brown vs Il-Kummissjoni, T-231/97, EU:T:1999:146, punt 69.

62 Ara, *inter alia*, is-sentenza tal-Qorti EDB tas-6 ta' April 2000, Comingersoll S.A. vs Il-Portugall, CE:ECHR:2000:0406JUD003538297, punt 35.

63 Sentenza tat-2 ta' Ġunju 1976, Kampffmeyer *et* vs KEE, 56/74 sa 60/74, EU:C:1976:78, punt 6; u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Reischl fil-kawża Milch-, Fett- und Eier-Kontor vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 44/76, EU:C:1977:21, p. 413. Wara kollox, dan jidher li qiegħed jirrifletti prinċipju komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri: ara, f'dan ir-rigward, Van Gerven, W., (ed.), *Tort Law*, Hart Publishing, Oxford, 2000, p. 816 sa 845.

64 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenzi tad-9 ta' Diċembru 1965, Société anonyme des laminoirs, hauts fourneaux, forges, fonderies et usines de la Providence *et* vs L-Awtorità Għolja, 29/63, 31/63, 36/63, 39/63 sa 47/63, 50/63 u 51/63, EU:C:1965:120, p. 938; u tad-9 ta' Novembru 2006, Agraz *et* vs Il-Kummissjoni, C-243/05 P, EU:C:2006:708, punt 42. Ara wkoll is-sentenza tat-28 ta' April 2010, BST vs Il-Kummissjoni, T-452/05, EU:T:2010:167, punt 168.

65 Sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-104/89 and C-37/90, EU:C:2000:38, punt 79.

115. Min-naħa tagħha, l-istituzzjoni tal-Unjoni responsabbli mid-dannu allegat ma għandhiex tillimita l-argumenti tagħha għal dawk li jikkontestaw id-data u l-figuri invokati mir-rikorrenti quddiem il-qrati tal-Unjoni. Dan huwa meħtieġ sabiex jiġu pprovduti stqarrijiet iddettaljati għall-kritika tagħha [66]. B'mod iktar ġeneriku, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jaġixxu *in bona fide* u, f'dan il-kuntest, ma jistgħux jirrifjutaw li jassistu rikorrent, pereżempju billi jipprovdu dokumenti u informazzjoni li għalih ma humiex disponibbli [67].

116. Għalhekk, l-effetti li huma relatati ma' (dak li jien nirreferi għalih bħala) *tbatija korporattiva* biss għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jikkostitwixxu dannu morali li għalih entità legali tista' tingħata kumpens [68].

117. Huwa f'dan il-kuntest li ser neżamina l-argumenti mressqa minn Kendrion dwar din il-kwistjoni.

b) L-iżbalji allegati

118. Insostenn tar-raba' aggravju tagħha, Kendrion ressqet diversi argumenti. Kendrion tafferma, qabelxejn, li l-Qorti Ġenerali ma spjegatx suffiċjentement il-kriterji li użat biex tiddetermina l-ammont ta' EUR 6 000 bħala l-kumpens dovut għal dannu morali. Fi kwalunkwe każ, Kendrion tikkunsidra dan l-ammont bħala purament simboliku u ssostni li l-Qorti Ġenerali kellha tagħti kumpens li jikkorrispondi ma' 5 % tal-multa imposta mill-Kummissjoni (jiġifieri, EUR 1 700 000). Kendrion tirreferi, f'dan ir-rigward, għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Heineken [69]. Sussidjarjament, Kendrion tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddetermina kumpens ekwu *ex aequo et bono*.

119. Dawn l-argumenti ma jippersawadunix. Biex nagħti raġuni għal dan, ikolli nfakkar il-partijiet rilevanti tas-sentenza appellata.

120. Fil-punti 121 sa 128 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali l-ewwel ċaħdet it-talba ta' Kendrion għal kumpens tad-danni morali relatati mad-dannu allegat lir-reputazzjoni tagħha. Sussegwentement il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li, minkejja li xi inċertezzi li jikkonċernaw id-destin tal-azzjonijiet tagħha kienu inevitabbli għal kwalunkwe rikorrent, it-tul sinjifikattiv tal-proċedura fil-Kawża T-54/06 poġġa lil Kendrion "f'sitwazzjoni ta' inċertezza li taqbeż l-inċertezza li s-soltu tiġi pprovokata minn proċedura ġudizzjarja". Dan l-istat ta' inċertezza mtawwal kien, skont il-qorti tal-ewwel istanza, "influwenza neċessarjament l-ippjanar tad-deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu u l-ġestjoni ta' din il-kumpannija u għalhekk ħoloq dannu immaterjali".

121. Fil-punti 129 sa 134 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li "fiċ-ċirkustanzi ineżami, id-dannu immaterjali subit [minn Kendrion] minħabba l-istat ta' inċertezza mtawwal li tpoġġiet fih ma jiġix kompletament irrimedjat mill-konstatazzjoni ta' ksur tat-terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza". Madankollu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba ta' Kendrion li l-kumpens li għandu jingħata għandu jiġi kkalkolat bħala ċertu perċentwali tal-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni. Dan, fil-fehma tal-Qorti Ġenerali, kien ikollu l-effett li jpoġġi f'dubju dik il-multa, anki jekk ma ġiex stabbilit jekk il-ksur tat-terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza fil-Kawża T-54/06 kellux effett fuq l-ammont ta' din il-multa.

66 Sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, Mulder *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-104/89 u C-37/90, EU:C:2000:38, punt 83.

67 F'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Lagrange, fil-kawżi magħquda Société anonyme des laminoirs, hauts fourneaux, forges, fonderies et usines de la Providence *et* vs L-Awtorità Għolja, Kawżi magħquda 29/63, 31/63, 36/63, 39/63 sa 47/63, 50/63 u 51/63, EU:C:1964:27, p. 943 u 944. Ara wkoll, Toth, A.G., "The Concepts of Damage and Causality as Elements of Non-contractual liability", f'Heukels, T., McDonnell, A., The Action for Damages in Community Law, l-ewwel edizzjoni, Kluwer Law International, 1997, p. 185.

68 Insostenn ta' din il-fehma, ara b'analoġija s-sentenza tal-QEDB tal-10 ta' Mejju 2001, Z *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2001:0510JUD002939295, punti 124 u 130.

69 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni, C-452/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:829.

122. Għalhekk, fil-punt 135 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont ta' kumpens li għandu jingħata lil Kendrion għal dannu morali, kien xieraq li tittieħed inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari il-"portata tal-ksur tat-terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza, tal-aġir tar-rikorrenti u tal-aspettattiva li hija wriet matul il-proċedura, tan-neċessità li jiġu rrispettati r-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni u [li dan ir-rikors kien effettiv]". Abbażi ta' dan, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, *ex aequo et bono*, li kumpens ta' EUR 6 000 ikkostitwixxa kumpens adegwat għad-dannu li Kendrion ġarrbet minħabba l-istat imtawwal ta' inċertezza li sabet ruħha fih matul il-proċedura fil-Kawża T-54/06.

123. Qabelxejn, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita sew, ladarba l-Qorti Ġenerali tkun ikkonstatat l-eżistenza ta' dannu, hija biss għandha l-ġurisdizzjoni li tevalwa, fil-limiti tat-talba, il-mezzi u l-portata tal-kumpens għad-dannu. Madankollu, sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tistħarreġ is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali, dawn is-sentenzi jridu jkunu suffiċjentement immotivati u, fir-rigward tal-evalwazzjoni tad-dannu, iridu jindikaw il-kriterji li jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ammont stabbilit [70].

124. F'dan il-kuntest, ser nadotta l-fehma li s-sentenza appellata kienet suffiċjentement immotivata fuq dan il-punt. L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali, b'mod konċiż iżda b'mod ċar, iddeskriviet ir-raġunijiet wara l-konklużjoni tagħha li għal ċerti tipi ta' dannu morali allegati minn Kendrion ġew prodotti provi xierqa filwaqt li għal oħrajn le. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali spjegat għalfejn l-għoti ta' kumpens pekunjarju kien tqies neċessarju u, it-tielet nett, hija għamlet riferiment għall-kriterji li ttieħdu inkunsiderazzjoni fid-determinazzjoni tal-ammont ta' dan il-kumpens [71].

125. Barra minn hekk, fl-opinjoni tiegħi, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi fl-għażla ta' dawn il-kriterji jew, b'mod iktar wiesa', fl-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kumpens" skont l-Artikolu 340 TFUE. F'dan ir-rigward, għal darba oħra għandu jiġi enfasizzat li, kif spjegat fil-punti 106 sa 110 iktar 'il fuq, il-kumpens li għandu jingħata għad-dannu morali, bl-ebda mod ma huwa intenzjonat li jkopri telf ekonomiku mġarrab mir-rikorrenti. Għal din ir-raġuni, kumpens ta' ammont li jista' jitqies bħala sempliċement "simboliku" ma huwiex eskluż kompletament. Is-somma mogħtija lil Kendrion fis-sentenza appellata tista' effettivament tidher baxxa, iżda ma għandhiex tiġi kkunsidrata li tikkostitwixxi tiswija għall-ispejjeż żejda u għall-profitti mitlufa li setgħu ġew ikkawżati mill-istat ta' inċertezza li Kendrion tpoġġiet fih minħabba t-terminu eċċessiv tal-proċedura fil-Kawża T-54/06. Hija biss kumpens għat-tbatija mġarrba minn Kendrion (il-korpi tagħha, u l-kumpannija kollha kemm hi) matul il-perijodu tal-iskadenza.

126. Għall-kuntrarju ta' dak li argumentat Kendrion, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Heineken [72] ma teħtieġx lill-qrati tal-Unjoni jiddefinixxu s-somom li għandhom jingħataw għat-tul eċċessiv tal-proċedura bħala perċentwali tal-multa imposta mill-Kummissjoni. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement ċaħdet l-argumenti tal-appellanti li l-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza u ta' proporzjonalità fl-għoti ta' tnaqqis ta' 5 % ta' multa imposta mill-Kummissjoni, wara proċedura amministrattiva li l-Kummissjoni nnifisha qieset li t-tul tagħha huwa eċċessiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Qorti Ġenerali eżerċitat is-setgħa tagħha ta' kompetenza sħiħa biex tagħti lill-appellanti t-tnaqqis inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li t-talba rilevanti tal-appellanti ġiet indirizzata u li din il-kumpannija ma setgħetx titlob tnaqqis *addizzjonali* tal-multa abbażi tal-istess raġuni [73].

70 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punti 50 u 51 u l-ġurisprudenza ċċitata.

71 Sentenza tat-30 ta' Mejju 2017, Safa Nicu Sepahan vs Il-Kunsill, C-45/15 P, EU:C:2017:402, punti 52 u 53.

72 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni, C-452/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:829.

73 Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2012, Heineken Nederland u Heineken vs Il-Kummissjoni, C-452/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2012:829, punti 91 sa 102.

127. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma ppreżentatx appell kontra din il-parti tas-sentenza tal-ewwel istanza. Għalhekk, il-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat is-sentenza appellata ma jistax jittieħed bħala konferma, mill-Qorti tal-Ġustizzja, tal-konstatazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali f'dan ir-rigward. Fi kwalunkwe każ, anki jekk wieħed kellu jaqra s-sentenza f'Heineken bħala waħda insostenn tal-argument ta' Kendrion, din is-sentenza għandha tiġi kkunsidrata, fuq dan il-punt, bħala waħda li ma għadhiex użata bħala referenza. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ħadet approċċ li ċertament kien ispirat b'mod ċar mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'Baustahlgewebe [74]. Madankollu, madwar sentejn wara s-sentenza Heineken, il-Qorti tal-Ġustizzja espliċitament u definittivament dawret il-ġurisprudenza Baustahlgewebe [75]. Barra minn hekk, fil-proċedura li wasslet għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion ma rnexxilhiex tinvoka argument simili [76]. Ma narax għalfejn issa, il-konklużjoni dwar dan il-punt, għandha tkun differenti.

128. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-konstatazzjoni fil-punt 135 tas-sentenza appellata, fir-rigward tad-dannu morali mġarrab minn Kendrion li kellu jiġi kkumpensat abbażi ta' evalwazzjoni *ex aequo et bono*, b'EUR 6 000, ma tistax tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell [77]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax sempliċement twarrab l-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tal-ammont tal-kumpens dovut għad-dannu morali u tiddetermina hija stess kumpens ekwu *ex aequo et bono*.

129. Ir-raba' aggravju ta' Kendrion għalhekk għandu jiġi miċħud.

3. It-terminu raġonevoli tal-proċedura

130. Bl-ewwel aggravju tagħha, dirett kontra l-punti 44 sa 63 tas-sentenza appellata, Kendrion issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi bl-affermazzjoni tagħha li l-proċedura (li b'kollox damet approssimament ħames snin u disa' xhur) li wasslet għall-għoti tas-sentenza fis-16 ta' Novembru 2011 fil-Kawża T-54/06 qabżet b'20 xahar iż-żmien raġonevoli biex tingħata sentenza f'tali każ. Fil-fehma ta' Kendrion, it-terminu massimu raġonevoli f'dan it-tip ta' kawżi għandu jkun sentejn u nofs. Hija tagħmel riferiment, f'dan ir-rigward, għall-ġurisprudenza tal-QEDB u għal rapport tal-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (iktar 'il quddiem iċ-"CEPEJ") tal-2012 [78]. Barra minn hekk, Kendrion tikkritika lill-Qorti Ġenerali minħabba li ffukat biss fuq iż-żmien li għadda bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-proċedura orali, filwaqt li kellha tieħu inkunsiderazzjoni t-terminu kollu tal-proċedura.

131. L-Unjoni tafferma li l-Qorti Ġenerali b'mod korrett evalwat il-perijodu tal-iskadenza u titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-ewwel aggravju ta' Kendrion.

132. Għandi xi simpatiji lejn l-argumenti mressqa minn Kendrion. Madankollu, skrutinju iktar bir-reqqa tas-sentenza appellata jiżvela li l-Qorti Ġenerali ma wettqitx żbalji ta' liġi kif allegat minn Kendrion.

133. Qabelxejn, ikolli nenfasizza li naqbel ma' Kendrion li, quddiem kwistjonijiet relatati ma' possibbiltà ta' tul eċċessiv ta' proċeduri preċedenti, il-Qorti Ġenerali għandha tħares, qabel kollox, lejn it-terminu kollu tal-proċedura. Fil-fatt, jista' tassew jidher artifiċjali li wieħed jipprova jaqsam il-proċedura kollha f'fażijiet differenti sabiex tiġi evalwata n-natura raġonevoli tat-tul ta' waħda jew iktar minn dawn il-fażijiet f'"iżolament kliniku" mill-oħrajn. Minn naħa waħda, forom ta' dewmien

74 Sentenza tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, EU:C:1998:608.

75 Sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771, punti 77 sa 108.

76 Il-Qorti tal-Ġustizzja ma ttrattatx espliċitament dan l-argument fis-sentenza, filwaqt li l-Avukat Ġenerali espliċitament ċaħditu: ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fis-sentenza Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12, EU:C:2013:350, punti 130 sa 132.

77 *Ibidem*. Ara wkoll is-sentenza tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, C-136/92 P, EU:C:1994:211, punt 66.

78 Iċ-CEPEJ huwa kumitat li twaqqaf fl-2012 mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa

qasir fil-fażijiet differenti tal-proċedura jistgħu jidhru ta' importanza żgħira meta meħudin individwalment iżda, meta ikkombinati, jistgħu, xorta waħda, jirriżultaw f'terminu irraġonevoli tal-proċedura kollha [79]. Bl-istess mod, ma jistax jiġi eskluż li dewmien sinjifikattiv f'waħda mill-fażijiet proċedurali jista' jiġi kkumpensat billi jiġu ġġestiti b'iktar ħeffa l-fażijiet l-oħra tal-proċedura.

134. Pereżempju, l-iskadenza ta' perijodu sinjifikattiv bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-proċedura orali ma jwassalx neċessarjament għal tul sinjifikattiv tal-proċedura kollha. Mill-banda l-oħra, perijodu relattivament qasir li jkun għaddej bejn iż-żewġ fażijiet ma jwarrabx il-possibbiltà li l-proċedura kollha taqbeż terminu raġonevoli. Dan kollu jiddependi fuq kif l-awla kompetenti mid-deċiżjoni tal-kawża organizzat xogħolha u, għaldaqstant kif il-proċedura tkompli.

135. Awla tista' tiddeċiedi kemm li teħles kemm jista' jkun minn qabel ix-xogħol qabel ma tinżamm is-seduta jew inkella, iżżomm seduta ftit wara li tingħalaq il-proċedura bil-miktub, sabiex il-partijiet sinjifikattivi tax-xogħol jitħallew biex jitlestew wara s-seduta. L-għażla bejn dawn l-opzjonijiet tista' tiddependi fuq diversi fatturi: il-metodi tax-xogħol tal-imħallfin sedenti fl-awla aġġudikanti, il-volum tax-xogħol f'mument partikolari u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull kawża (pereżempju jekk hemmx ħafna kwistjonijiet li għandhom jiġu kkjarifikati fis-seduta jew le).

136. Perijodu qasir ta' żmien bejn il-proċedura bil-miktub u orali ftit jgħin lill-partijiet jekk, sussegwentement, id-deliberazzjoni tkun partikolarment twila. Mill-banda l-oħra, perijodu itwal min-normal bejn il-proċedura bil-miktub u l-proċedura orali jista' jkun ta' benefiċċju jekk jippermetti li wara ssir deliberazzjoni ta' malajr.

137. Għalhekk, l-eżistenza ta' perijodi sinjifikattivi ta' *inattività* totali fil-ġestjoni ta' kawża tista' ċertament tiġi kkunsidrata bħala indikazzjoni ċara li terminu raġonevoli tal-proċedura nqabeż. Madankollu, perijodu li jista' jidher għall-partijiet bħala wieħed ta' inattività ma jfissirx li huwa neċessarjament hekk.

138. Dan huwa tassew minnu għall-perijodu li jkun għaddej bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-bidu tal-proċedura orali. Diversi attivitajiet importanti jitwettqu matul dak il-perijodu, anki jekk il-partijiet ma jkunux informati dwarhom (u, għal xi wħud minn dawn l-attivitajiet, il-partijiet ma jistgħux jiġu informati għal raġunijiet relatati mas-segretezza tad-deliberazzjonijiet tal-Qrati tal-Unjoni) [80]. B'mod partikolari, minbarra li jiġu ffinalizzati t-traduzzjonijiet meħtieġa, huwa f'din il-fażi tal-proċedura li l-Imħallef Relatur jippreżenta rapport preliminari lill-Qorti Ġenerali, li jkun fih analiżi tal-kwistjonijiet rilevanti ta' fatt u ta' liġi mqajma mir-rikors, kif ukoll proposti dwar il-kwistjoni jekk il-kawża teħtieġx miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew miżuri istruttorji, dwar iż-żamma tal-fażi orali tal-proċedura, dwar il-possibbiltà li l-kawża tintbagħat quddiem l-Awla Manja jew quddiem awla kkostitwita min-numru differenti ta' Mħallfin sedenti, u dwar il-possibbiltà li l-kawża tingħadda lill-Imħallef uniku [81].

139. Huwa diffiċli li tingħata stima ogħla tal-importanza ta' tali dokument għall-finijiet tal-proċedura. Huwa wkoll impossibbli li jiġi evalwat, *a priori*, iż-żmien meħtieġ biex jiġi ppreparat dan id-dokument f'kull kawża: qabel ma jfassal l-abbozz, l-Imħallef Relatur għandu jwettaq riflessjoni bir-reqqa dwar il-kwistjonijiet legali mqajma mill-kawża sabiex jiġu identifikati l-approċċi għall-analiżijiet u l-punti li jeħtieġu kunsiderazzjoni ulterjuri jew kjarifika [82]. Il-proposti tiegħu dwar kif wieħed għandu jipproċedi bit-trattament ulterjuri tal-kawża huma bbażati fuq l-analiżi legali preliminari tiegħu.

79 Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-QEDB tas-27 ta' Frar 2018, Ruotolo vs L-Italja, CE:ECHR:1992:0227JUD001246086, punt 17.

80 Ara l-Artikoli 2, 8 u 35 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Ara wkoll l-Artikolu 32 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġustizzja u l-Artikolu 21 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

81 Ara l-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

82 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed, fil-kawżi magħquda Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, C-403/04 P u C-405/04 P, EU:C:2006:546, punt 158.

140. Barra minn hekk, inerzja possibbli tal-Qorti tal-Ġustizzja f'xi mument matul il-proċedura ma hijiex l-unika element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni f'dan il-kuntest. Ġestjoni *ineffiċjenti* ta' kawża tista', fil-fatt, tkun ugwalment inaċċettabbli għall-finijiet tal-Artikolu 47 tal-Karta. Biex nagħti xi ftit eżempji: din tista' tiġri meta t-traduzzjonijiet neċessarji tad-dokumenti proċedurali jieħdu żmien eċċessiv minħabba l-problemi interni tal-persunal jew organizzattivi tal-qrati tal-Unjoni [83]. Jista' jiġri wkoll li l-imħallfin, matul terminu mtawwal, jonqsu milli jaqblu dwar il-formulazzjoni tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza, minkejja tentattivi frekwenti u repetuti. Din tista' tiġri wkoll fejn ikun hemm tibdiliet multipli jew sussegwenti fil-kompożizzjoni tal-awla li qed tisma' kawża, b'hekk il-membri ta' din l-awla jiġu obbligati jerġgħu jagħmlu x-xogħol li jkun diġà sar. F'dawn iċ-ċirkustanzi kollha, it-terminu tal-proċedura jista' jsir eċċessiv għal raġunijiet li ma humiex imputabbli lill-partijiet u li, x'aktarx, ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tagħhom għal smigħ mgħaġġel.

141. Għalhekk, naqbel ma' Kendrion li, fil-prinċipju, l-analiżi meħtieġa biex jiġi ddeterminat jekk proċedura preċedenti qabżitx terminu raġonevoli għandha normalment tiffoka fuq it-tul kollu tal-proċedura. Ġeneralment, l-enfasi ma tistax issir biss, jew prinċipalment, fuq perijodi potenzjali ta' inattività u, b'mod partikolari, fuq iż-żmien li jkun għadda bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-proċedura orali.

142. Madankollu, fil-kawża ineżami, il-Qorti Ġenerali ma tistax tiġi kkritikata b'att ta' negliġenza fir-rigward tal-fażijiet l-oħra tal-proċedura. Fil-punt 62 tas-sentenza appellata, din il-qorti ddeċidiet li "eżami tal-proċess tal-Kawża T-54/06 ma żvela l-ebda ċirkustanza li tippermetti l-konklużjoni li jeżisti perijodu ta' inattività mhux iġġustifikat, minn naħa, bejn id-data tal-preżentata tar-rikors u d-data tal-preżentata tal-kontroreplika u, min-naħa l-oħra, bejn il-ftuħ tal-fażi orali tal-proċedura u l-għoti tas-sentenza".

143. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat regolarment l-attività (jew l-inattività) tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura kollha. Il-Qorti Ġenerali kkonċentrat l-analiżi tagħha fuq fażi speċifika tal-proċedura peress li l-fatti tal-kawża wrew li l-problemi li qegħdin idewmu l-proċedura seħħew matul dan il-perijodu. Fil-fatt, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Novembru 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat li l-perijodu bejn it-tmiem tal-proċedura bil-miktub u l-ftuħ tal-proċedura orali, li dam approssimament 3 snin u 10 xhur, "[ma setax] jiġi spjegat miċ-ċirkustanzi tal-kawża, u dan la mill-kumplessità tat-tilwima, la mill-aġir tal-partijiet u lanqas mill-intervent ta' kwistjonijiet proċedurali" [84].

144. Fid-dawl ta' dan, anki jekk l-argumenti ta' Kendrion dwar il-metodi li l-Qorti Ġenerali jmissha tapplika f'analiżi bħal dik imwettqa fil-kawża ineżami ma humiex żbaljati, il-kritika mmirata lejn il-Qorti Ġenerali ġejja mill-qari inkorrett tas-sentenza appellata.

145. Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-talba ta' Kendrion li t-terminu massimu raġonevoli f'din it-tip ta' proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali għandu jkun ta' sentejn u nofs, ma nistax insostniha.

146. Qabelxejn, Kendrion targumenta li tali limitu jidher ċar mill-ġurisprudenza tal-QEDB. Madankollu, l-ebda kawża speċifika ma ġiet iċċitata. Qari konċiż tal-ġurisprudenza tal-qorti ta' Strasbourg minflok juri, li kull kawża hija evalwata fuq il-merti tagħha stess; din il-qorti tidher li ma tantx tikkommetti ruħha biex tistabbilixxi limiti minimi stretti jew fissi [85].

83 Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-QEDB tal-21 ta' Frar 1997, Guillemin vs Franza, CE:ECHR:1997:0221JUD001963292, punt 43.

84 Sentenza tas-26 ta' Novembru 2013, Kendrion vs Il-Kummissjoni, C-50/12 P, EU:C:2013:771, punt 103.

85 Ara, b'numru kbir ta' riferimenti għall-ġurisprudenza, Edel, F., *The length of civil and criminal proceedings in the case-law of the European Court of Human Rights among many*, it-tieni edizzjoni, Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, 2007, p. 33 sa 39.

147. Barra minn hekk, irrispettivament mill-valur li għandu jiġi attribwit għal tali dokument, ma sibtx sostenn ċar għall-argument ta' Kendrion marbut mar-rapport imsemmi hawn fuq taċ-CEPEJ. L-ewwel nett, qiegħed nosserva li tali rapport huwa intenzjonat li jirrifletti kunsiderazzjonijiet relatati mal-proċeduri ġudizzjarji fuq livell nazzjonali. Proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni – bl-ambjent multilingwi tagħhom – joperaw skont restrizzjonijiet differenti minn dawk tal-ewwel. It-tieni nett, il-parti tar-rapport imsemmija minn Kendrion sempliċement tistabbilixxi li tul ta' proċedura sa sentejn huwa normalment ikkunsidrat bħala aċċettabbli f'kawżi li ma humiex kumplessi. Ir-rapport ikompli jistabbilixxi li, għal kawżi kumplessi, terminu supplimentari jista' jiġi aċċettat mill-QEDB, iżda din il-qorti ser tagħti attenzjoni għal perijodi possibbli ta' inattività. Jidhirli li dan huwa qari żbaljat tad-dokument li permezz ta' dan jiġi ddikjarat li tali rapport jissuġġerixxi li taħt l-ebda ċirkustanza proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali ma għandha taqbeż sentejn u nofs, irrispettivament mill-kumplessità tagħha.

148. Għal dawn ir-raġunijiet, jien tal-fehma li anki l-ewwel aggravju ta' Kendrion għandu jiġi miċħud.

V. Il-konsegwenzi tal-evalwazzjoni

149. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-evalwazzjoni tiegħi, l-appell ippreżentat mill-Unjoni Ewropea għandu jintlaqa' u l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza appellata jiġi għaldaqstant annullat.

150. Peress li, fid-dawl tal-fatti disponibbli u l-iskambju tal-fehmiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa possibbli li tagħti deċiżjoni definittiva dwar din il-kwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiċħad it-talba ta' Kendrion għal kumpens fir-rigward tad-dannu materjali li jikkonsisti fil-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja b'rabta mal-perijodu li fih it-terminu raġonevoli għal għoti ta' sentenza fil-Kawża T-54/06 Kendrion vs Il-Kummissjoni Ewropea, inqabeż.

151. L-appell minn Kendrion għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

VI. Fuq l-ispejjeż

152. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu.

153. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja taqbel mal-evalwazzjoni tiegħi tal-appelli, u sussegwentement, f'konformità mal-Artikolu 137, 138 u 184 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Kendrion għandha tbati l-ispejjeż ta' din il-kawża. L-ispejjeż tal-proċedura tal-ewwel istanza għandhom, fil-fehma tiegħi, jibqgħu kif ġew assenjati mill-Qorti Ġenerali. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha stess marbuta maż-żewġ istanzi.

VII. Konklużjoni

154. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

– tannulla l-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2017, T-479/14, Kendrion vs L-Unjoni Ewropea;

– tiċħad it-talba ta' Kendrion għal kumpens fir-rigward tad-dannu materjali li jikkonsisti fil-ħlas tal-ispejjeż tal-garanzija bankarja b'rabta mal-perijodu li fih it-terminu raġonevoli għall-għoti ta' sentenza fil-Kawża T-54/06, Kendrion vs Il-Kummissjoni Ewropea, inqabeż;

– tiċħad l-appell inċidentali ppreżentat minn Kendrion;

– tordna lil Kendrion tbati l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll l-ispejjeż tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'rabta mal-proċedura tal-appell, u l-ispejjeż tagħha stess b'rabta mal-proċedura tal-ewwel istanza;

– tikkundanna lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tbati l-ispejjeż tagħha stess b'rabta mal-proċedura tal-ewwel istanza; u

– tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tbati l-ispejjeż tagħha stess b'rabta maż-żewġ istanzi.